



Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

2016/0381(COD)

19.9.2017

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (COM(2016)0765 – C8-0499/2016 – 2016/0381(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Anneli Jäätteenmäki

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-ħsieb wara l-proposta tal-Kummissjoni hu li żżid l-effiċjenza fl-enerġija tal-istokk tal-bini eżistenti fl-Ewropa u tikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-għanijiet klimatiċi tal-UE. Il-metodu magħżul huwa li tittejjeb l-implimentazzjoni tad-Direttiva eżistenti u jiġu proposti xi dispożizzjonijiet li jmorru lil hinn mis-sitwazzjoni attwali. Li l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel u qabel kollox huwa għustament iddikjarat għal darb'oħra bħala l-prinċipju ta' gwida.

Meta titqies ir-rata baxxa ta' rinnovazzjoni annwali tal-bini fl-Ewropa (madwar 0,4-1,2 % skont l-Istat Membru) u l-interazzjoni kumplessa bejn il-leġislazzjoni tal-UE, il-kodiċijiet nazzjonali tal-bini, il-prattiki tal-bini, ix-xejriet ekonomiċi u l-istruttura tas-sjieda tal-istokk tal-bini, għad hemm potenzjal enormi mhux sfruttat ta' ffrankar ta' enerġija. Fid-dawl tax-xejra attwali, fis-snin li ġejjin is-sitwazzjoni mhix se tinbidel radikalment.

Mingħajr miżuri ulterjuri, ir-rinnovazzjonijiet għall-effiċjenza fl-enerġija jsiru meta jkunu ekonomikament raġonevoli u jkollhom l-inċentivi xierqa sabiex ikunu ta' inċentiv biex jintlaħqu l-miri tal-effiċjenza fl-enerġija.

Huwa importanti li l-Istati Membri jkunu jafu l-istokk tal-bini tagħhom u b'hekk jgħinu lill-atturi differenti jipprijoritizzaw ir-rinnovazzjonijiet abbażi tal-kosteffiċjenza. Dan huwa mħeġġeġ fl-emenda għall-Artikolu 2 dwar l-istrateġiji tar-rinnovazzjoni fit-tul.

Bħalissa, hemm ħtieġa urġenti ta' finanzjament disponibbli fuq firxa wiesgħa ta' prodotti li jinkludu u jappoġġjaw l-aspetti pożittivi tar-rinnovazzjonijiet għall-effiċjenza fl-enerġija, bħalma huma l-valur oġhla tal-assi u kundizzjonijiet ta' għajxien aħjar għas-saħħa tal-okkupanti. L-isforzi tal-Kummissjoni favur il-finanzjament, bħall-inizjattiva "Finanzjament Intelliġenti għal Bini Intelliġenti" għandhom jingħataw inkoraġġiment.

Ir-rapporteur tixtieq tenfasizza żewġ kwistjonijiet importanti: bini li jkun tajjeb għas-saħħa u l-proposta tal-Kummissjoni dwar l-elettromobbiltà.

L-ewwel nett, wieħed ma jistax jenfasizza biżżejjed l-importanza ta' bini li jkun tajjeb għas-saħħa. Bini li jkun tajjeb għas-saħħa jkun iddisinjat biex jissodisfa l-bżonnijiet tal-okkupanti tiegħu u jkun jista' jiġi modifikat biex jakkomoda l-ħtiġijiet tal-futur. Ikun magħmul minn materjali li mhumiex tossiċi u li jkunu durabbli, riċiklabbli u li jistgħu jissewew. Huwa juża l-enerġija b'mod effiċjenti u jista' jkun kapaċi jipproduċiha wkoll, ikollu daww naturali biżżejjed u jkollu ventilazzjoni u tisħin adegwati biex jinżammu kwalità tal-arja u temperatura interni tajbin.

Illum il-ġurnata, il-biċċa l-kbira tan-nies iqattgħu l-biċċa l-kbira tal-ħin tagħhom ġewwa. Skont l-istimi, għexieren ta' miljuni ta' Ewropej isofru minn kwalità tal-arja ħażina, sikwit minħabba umdità għolja wisq, li tinkoraġġixxi t-tkabbir tal-moffa u tista' wkoll tikkawża ħsara fil-bini.

Il-firxa ta' bini affettwati tvarja minn djar privati għal bini pubbliku. Il-mod kif jinbena u jinżamm il-bini għandu effetti enormi fuq is-saħħa pubblika u l-benessri tal-popolazzjoni kollha.

Id-djar ineffiċjenti fl-enerġija u l-faqar enerġetiku huma marbuta mill-qrib ma' xulxin. Jekk l-

oqasma residenzjali jipposponu r-rinnovazzjonijiet meħtieġa minħabba nuqqas ta' finanzjament, ikun hemm riskju ta' degradazzjoni ulterjuri fil-kundizzjonijiet tal-għajxien u tnaqqis fil-valur tal-istokk tal-akkomodazzjoni.

Għar-rapporteur, it-tieni kwistjoni importanti hija l-proposta dwar l-elettromobbiltà, introdotta fl-Artikolu 8 emendat.

Il-proposta tinkludi l-bini mhux residenzjali ġdid u l-bini mhux residenzjali eżistenti li tkun qed issirli rinnovazzjoni estensiva b'aktar minn għaxar spazji ta' parkeġġ. Il-bini residenzjali li jkun għadu kemm inbena u dak li jkun qed jiġi rinnovat b'mod estensiv huwa inkluż ukoll. Għall-ewwel kategorija, mill-inqas 10 % tal-ispazji ta' parkeġġ għandhom ikunu mgħammar b'punt tal-iċċarġjar. Għat-tieni kategorija, kull spazju ta' parkeġġ għandu jkollu l-wajers mgħoddijin diġà.

Fil-fehma tar-rapporteur, l-obbligi dwar l-infrastruttura tal-iċċarġjar proposti mill-Kummissjoni jdgħajfu l-allokkazzjoni effiċjenti tal-fondi kemm privati kif ukoll pubbliċi.

Bħalissa, it-teknoloġija tal-iċċarġjar qed tiżviluppa b'pass mgħaġġel. Ħafna Stati Membri diġà ħadu passi biex jibnu infrastruttura tal-iċċarġjar. L-ispiża biex isir punt tal-iċċarġjar qiegħda tonqos. Il-kumpaniji privati u l-kumpaniji pubbliċi tal-utilitajiet għandhom argument għall-vijabbiltà tan-negozju għall-bini tan-netwerk u l-ipprezzar tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi.

Għal binjiet ġodda, kemm residenzjali kif ukoll mhux residenzjali, l-infrastruttura meħtieġa tista' tiġi integrata fil-proċess tad-disinn mill-bidu nett. Għalhekk huwa għaqli li l-bini l-ġdid ikun validu għall-futur permezz tat-tnejjija ta' ducting. Dan iħalli biżżejjed flessibbiltà għad-daqs tal-wajers u jiżgura li l-infrastruttura tal-iċċarġjar meħtieġa tkun tista' tinbena faċilment meta jkun hemm bżonnha.

Għal bini mhux residenzjali eżistenti, l-obbligu għandu jiġi llaxkat b'tali mod li jkun japplika biss f'każijiet fejn ir-rinnovazzjoni tirrigwarda l-infrastruttura tal-elettriku tal-bini. Dan jgħin biex ir-redditu fuq l-investment għat-titjib reali fl-effiċjenza fl-enerġija jinżamm f'livelli aktar għoljin.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal direttiva

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) L-Unjoni hija impenjata għal sistema tal-enerġija sostenibbli,

Emenda

(1) L-Unjoni hija impenjata għal sistema tal-enerġija sostenibbli,

kompetittiva, sigura, u dekarbonizzata. L-Unjoni tal-Enerġija u l-Qafas ta' Politika għall-Klima u l-Enerġija għall-2030 jistabbilixxu impenji ambizzjużi għall-Unjoni biex tkompli tnaqqas l-emissjonijiet ta' gass serra (mill-anqas b'40 % sal-2030 meta mqabbel mal-1990), biex iżżid il-proporzjon tal-enerġija rinnovabbli kkunsmata (mill-anqas b'27 %) u biex isir iffrankar enerġetiku ta' mill-anqas 27 %, b'reviżjoni ta' dan il-livell billi tqis il-livell tal-Unjoni ta' 30 %¹⁰, **u** biex ittejjeb is-sigurtà, il-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-enerġija tal-Ewropa.

kompetittiva, sigura, u dekarbonizzata **u għal livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem**. L-Unjoni tal-Enerġija u l-Qafas ta' Politika għall-Klima u l-Enerġija għall-2030 jistabbilixxu impenji ambizzjużi għall-Unjoni biex tkompli tnaqqas l-emissjonijiet ta' gass serra (mill-anqas b'40 % sal-2030 meta mqabbel mal-1990), biex iżżid il-proporzjon tal-enerġija rinnovabbli kkunsmata (mill-anqas b'27 %) u biex isir iffrankar enerġetiku ta' mill-anqas 27 %, b'reviżjoni ta' dan il-livell billi tqis il-livell tal-Unjoni ta' 30 %¹⁰, biex ittejjeb is-sigurtà, il-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-enerġija tal-Ewropa **u tippromwovi l-aċċess għal enerġija affordabbli sabiex jitnaqqas il-faqar enerġetiku**.

Emenda 2

Proposta għal direttiva Premessa 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Il-Kummissjoni kkofinanzjat għadd ta' proġetti li jrawmu l-esperjenza u l-prattiki tajbin fil-kollaborazzjoni reġjonali, liema Prattiki jistgħu jiġu kondiviżi madwar l-Unjoni bil-ħsieb li tittejjeb l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Eżempji ta' dawk il-proġetti jinkludu l-proġett MARIE, u l-estensjoni tiegħu SHERPA, kif ukoll il-proġetti ELIH-MED u PROFORBIOMED.

Emenda 3

Proposta għal direttiva Premessa 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) It-titjib fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fil-bini jnaqqas id-domanda għall-fjuwils tat-tisħin, speċjalment il-

fjuwils tat-tisħin solidi u għalhekk jikkontribwixxi għat-titjib tal-kwalità tal-arja permezz ta' tnaqqis fl-emissjonijiet ta' inkwinanti u għall-ilħuq, b'mod kosteffikaċi, tal-objettivi tal-politika tal-Unjoni dwar il-kwalità tal-arja, kif stabbiliti b'mod partikolari bid-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a}. Għalhekk, l-effiċjenza tal-enerġija jenħtieġ li tiġi kkunsidrata bħala element tal-politika dwar il-kwalità tal-arja, speċjalment fl-Istati Membri fejn il-kisba tal-limiti tal-Unjoni dwar l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja hija problematika u l-effiċjenza fl-enerġija tista' tgħin biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

^{1a} *Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1-31).*

Ġustifikazzjoni

Is-settur residenzjali huwa responsabbli għal sehem importanti mill-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu, bħal BaP, PM2.5 u PM10, fl-Ewropa, li jirriżultaw mid-duħħan li jinħoloq meta jinħarqu l-fjuwils solidi li jintużaw għat-tisħin residenzjali. Dawn l-inkwinanti jżidu l-mortalità, il-morbożità u l-ammissjonijiet fl-isptarijiet, speċjalment peress li l-valuri ta' emissjoni mkejla sikwit imorru lil hinn sew mil-limiti stabbiliti permezz tal-leġislazzjoni tal-UE dwar il-kwalità tal-arja.

Emenda 4

Proposta għal direttiva Premessa 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2b) Madwar 50 miljun unità domestika fl-Unjoni huma affettwati mill-faqar enerġetiku. Il-faqar enerġetiku jenħtieġ li jiġi kkunsidrat bħala l-

inabbiltà li unità domestika ssostni livell adegwat ta' provvista tal-enerġija sabiex tiggarrantixxi livelli bażiċi ta' kumdità u saħħa, minħabba kombinazzjoni ta' introjtu baxx, prezzijiet tal-enerġija għolja u djar ta' kwalità baxxa b'rendiment baxx. Ir-rati attwali tar-rinovazzjoni tal-bini mhumiex suffiċjenti u dawk il-binjiet li huma proprjetà ta', jew okkupati minn, ċittadini b'introjtu baxx li jinsabu f'riskju ta' faqar enerġetiku, huma l-aktar diffiċli biex jintlaħqu.

Emenda 5

Proposta għal direttiva Premessa 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) L-istokk tal-bini tal-Unjoni se jeħtieġ li jsir "bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero" (nZEB) sal-2050, bi qbil mal-objettivi tal-COP21 (il-Ftehim ta' Pariġi). Ir-rati attwali tar-rinovazzjoni tal-bini mhumiex suffiċjenti u dawk il-binjiet li huma proprjetà ta', jew okkupati minn, ċittadini b'introjtu baxx li jinsabu f'riskju tal-faqar enerġetiku, huma l-aktar diffiċli biex jintlaħqu.

Emenda 6

Proposta għal direttiva Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6) L-Unjoni hija impenjata biex tiżviluppa sistema tal-enerġija sigura, kompetittiva u dekarbonizzata sal-2050¹². Biex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri u l-investituri *jeħtieġu* stadji importanti biex jiżguraw li l-bini jiġi dekarbonizzati sal-2050. Sabiex tkun żgurata din id-

(6) L-Unjoni hija impenjata biex tiżviluppa sistema tal-enerġija sigura, kompetittiva u dekarbonizzata sal-2050¹². *Fid-dawl tal-Ftehim ta' Pariġi u* biex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri u l-investituri *jeħtieġ li jiffissaw miri ambizzjużi u* stadji importanti *u miżuri*

dekarbonizzazzjoni tal-istokk tal-bini sal-2050, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw ***il-passi*** intermedjarji li jridu jsiru biex jinkisbu l-għanijiet ta' nofs it-terminu (2030) u tat-terminu twil (2050).

ċari biex jiżguraw li l-bini jiġi dekarbonizzat ***u li l-effiċjenza fl-enerġija ġenerali tal-bini tiżdied sabiex jilħqu l-istandard nZEB*** sal-2050. Sabiex tkun żgurata din id-dekarbonizzazzjoni tal-istokk tal-bini sal-2050, l-Istati Membri jenħtieġ li jidentifikaw ***passi*** intermedjarji ***u t-trajettorja*** li jridu jsiru biex jinkisbu l-għanijiet ta' nofs it-terminu (2030 ***u 2040***) ***u tat-terminu twil (2050) u tiġi stimulata r-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini eżistenti minħabba li r-rati ta' rinnovazzjoni tal-binjiet mhumiex suffiċjenti.***

Emenda 7

Proposta għal direttiva Premessa 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) Sabiex jintlaħqu l-miri ta' dekarbonizzazzjoni tal-istokk tal-bini sal-2050, u jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gass serra filwaqt li tiġi promossa t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju, se jkun neċessarju li jittieħed approċċ olistiku fir-rigward tad-definizzjoni ta' binjiet effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Jenħtieġ li l-kostruzzjoni ta' binjiet ġodda u r-rinnovazzjoni tal-binjiet eżistenti jkollhom l-għan li joħlqu bini li jissodisfa l-ħtiġijiet tal-okkupanti u li jkunu jistgħu jiġu mmodifikati biex jakkomodaw il-ħtiġijiet tal-futur, li jkunu mibnija b'materjali mhux tossiċi, durabbli, riċiklabbli u li jistgħu jissewwew, li jużaw l-enerġija b'mod effiċjenti u li jistgħu wkoll jipproduċu l-enerġija, li jkollhom dawl naturali biżżejjed, li jissodisfaw ir-rekwiżiti dwar is-sikurezza, inkluża s-sikurezza kontra n-nirien, u li jkollhom ventilazzjoni u tisħin adegwati biex tinżamm kwalità tal-arja interna li tkun tajba għas-saħħa.

Emenda 8

Proposta għal direttiva Premessa 6b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6b) Il-Ftehim ta' Pariġi jrid ikun rifless fl-isforzi tal-Unjoni li tiddekarbonizza l-istokk tal-bini tagħha, filwaqt li jitqies li kważi 50 % tad-domanda finali għall-enerġija tal-Unjoni tintuża għat-tisħin u t-tkessiġ, li minnha 80 % tintuża fil-bini. L-għanijiet dwar l-enerġija u l-klima tal-Unjoni għalhekk jeħtieġ li jintlaħqu billi l-provvista tinqaleb għal dipendenza ta' kważi 100 % fuq sorsi rinnovabbli l-aktar tard sal-2050, u dan jista' jinkiseb biss billi jitnaqqas il-konsum tal-enerġija u billi jsir użu sħiġ tal-prinċipju ta' "l-effiċjenza fl-enerġija tiġi l-ewwel", minħabba li l-miżuri tal-effiċjenza fl-enerġija huma l-aktar mod kosteffikaċi biex jinkiseb tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra.

Emenda 9

Proposta għal direttiva Premessa 6c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6c) Peress li sa 90 % tal-ambjent mibni fl-2050 diġà jeżisti, hemm bżonn ta' sforzi aktar ambizzjużi biex titħaffef ir-rata tar-rinnovazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni tal-istokk tal-bini eżistenti. Peress li 30 sena huma perjodu ta' żmien relattivament qasir għar-rinnovament tal-istokk tal-bini eżistenti, l-inċentivi u l-istandards stabbiliti issa fl-aħħar mill-aħħar se jiddeterminaw jekk l-Unjoni hix se tilħaq l-għanijiet fit-tul ta' klima u enerġija jew le.

Emenda 10

Proposta għal direttiva Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Id-dispożizzjonijiet dwar strateġiji tar-rinnovazzjoni fit-tul stipulati fid-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³ jenħtieġ li jitmexxew għad-Direttiva 2010/31/UE, għax jidħlu b'mod aktar koerenti fiha.

¹³ Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

Emenda 11

Proposta għal direttiva

Emenda

(7) Id-dispożizzjonijiet dwar strateġiji tar-rinnovazzjoni fit-tul stipulati fid-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³ jenħtieġ li jitmexxew għad-Direttiva 2010/31/UE, għax jidħlu b'mod aktar koerenti fiha, ***u għax iwettqu l-pjanijiet tal-Istati Membri li jaslu għal stokk ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero sal-2050. Filwaqt li jinżamm dak l-għan fit-tul, huma għandhom ikunu akkumpanjati bi stadji vinkolanti għall-2030 u għall-2040. L-istrateġiji ta' rinnovazzjoni fuq terminu twil u l-ħidma ta' rinnovazzjoni li dawn jistimulaw se jikkontribwixxu biex tingħata spinta lit-tkabbir bil-ħolqien tal-impjegi, u biex tiġi pprovduta enerġija nadifa u affordabbli għall-konsumaturi. Jenħtieġ li l-mekkaniżmi ta' finanzjament u l-inċentivi finanzjarji jingħataw pożizzjoni ċentrali fl-istrateġiji nazzjonali fit-tul ta' rinnovazzjoni tal-Istati Membri u jiġu promossi b'mod attiv minnhom. Barra minn hekk, jenħtieġ li tiġi inkluża strateġija għall-promozzjoni ta' appoġġ u pariri speċjalizzatti għall-konsumaturi u għat-taħriġ tal-ispeċjalisti.***

¹³ Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

Premessa 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7a) L-industrija tal-kostruzzjoni waħidha tirrappreżenta direttament 18-il miljun impjeg fl-Unjoni u tiġġenera 9 % tal-PDG tagħha. Il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika fl-industrija tal-bini b'objettivi ambizzjużi għar-rinnovazzjoni profonda u gradwali tal-istokk tal-bini eżistenti għandhom il-potenzjal li jħaffu l-modernizzazzjoni ta' dak is-settur u tal-forza tax-xogħol assoċjata miegħu u li jgħolqu miljuni ta' impjegi fl-Unjoni, b'mod partikolari f'impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju. Il-kalkoli tal-kostottimalità sottostanti għall-elaborazzjoni tal-istrateġiji tar-rinnovazzjoni fuq terminu twil tal-Istati Membri u d-deċiżjonijiet dwar il-kriterji minimi ta' rendiment tagħhom jenħtieġ li jqisu wkoll il-valur ekonomiku tal-kobenefiċċji tal-miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija, bħall-ħolqien ta' impjegi, il-valur tal-assi, it-tnaqqis tad-dipendenza fuq l-importazzjoni, u s-saħħa jew il-kwalità tal-arja ġewwa u barra, permezz ta' valuri ta' referenza armonizzati bħala parti mill-gwida għall-metodoloġija ta' kalkolu tal-kostottimalità tal-Unjoni.

Emenda 12

**Proposta għal direttiva
Premessa 7b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7b) Filwaqt li l-istokk tal-bini fl-Unjoni qed jiġi mmodernizzat għal livell ogħla ta' effiċjenza fl-enerġija, dan qiegħed ukoll isir aktar kumpless. Hemm ħtieġa dejjem akbar ta' kooperazzjoni fost il-professjonisti differenti fuq il-post. Il-kombinazzjoni ideali ta' ħiliet professjonali għandha rwol essenzjali

biex jiġi sfruttat dak il-potenzjal u biex jiġtejjeb l-istokk tal-bini eżistenti. It-tneġġiġ ta' mentalità sistemika għandu jibda mis-sistema edukattiva u jkompli tul il-karriera kollha tal-bennejja. F'dak il-kuntest, jehntieg li l-Istati Membri jipprovdu rabta ċara bejn l-istrateġiji ta' rinnovazzjoni nazzjonali tagħhom fuq terminu twil u inizjattivi adegwati biex jipromwovu l-ħiliet u l-edukazzjoni, it-taħriġ tul il-ħajja u l-ħiliet lil ħaddiema tekniċi u professjonisti li jaħdmu fis-setturi tal-kostruzzjoni u tal-effiċjenza fl-enerġija, kif ukoll biex jinfurmaw lill-gruppi ta' komunitajiet u n-negozji żgħar dwar is-sensibilizzazzjoni dwar l-enerġija, miżuri ta' effiċjenza u r-rinovazzjoni tal-bini.

Emenda 13

Proposta għal direttiva Premessa 7c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7c) Jenħtieġ li l-istrateġiji ta' rinnovazzjoni nazzjonali jistabbilixxu r-riżultati mistennija u l-kontribut biex tintlaħaq il-mira globali ta' effiċjenza fl-enerġija fuq terminu qasir (2030), fuq terminu medju (2040) u fuq terminu twil (2050).

Emenda 14

Proposta għal direttiva Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9) Sabiex din id-Direttiva tiġi adattata għall-progress tekniku, jenħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tiġi ddelegata lill-Kummissjoni

(9) Sabiex din id-Direttiva tiġi adattata għall-progress tekniku, jenħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tiġi ddelegata lill-Kummissjoni

sabiex tissupplimentah billi tiddefinixxi l-indikatur tal-intellġjenza u tippermetti l-implimentazzjoni tiegħu. L-indikatur tal-intelliġenza **għandu** jintuża biex ikejjel il-kapaċità tal-bini li juża l-ICT u sistemi elettroniċi biex jottimizza l-operazzjoni u li jinteraġixxi mal-grilja. L-indikatur tal-intelliġenza għandu jqajjem kuxjenza fost is-sidien tal-bini u l-okkupanti tiegħu dwar il-valur tal-awtomatizzazzjoni tal-bini u l-monitoraġġ elettroniku **tasistemi** tekniċi użati fil-bini u għandu jagħti kunfidenza lill-okkupant dwar l-iffrankar effettiv ta' dawn il-funzjonalitajiet imtejba ġodda.

Emenda 15

Proposta għal direttiva

Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) L-innovazzjoni u t-teknoloġija l-ġdida jagħmluha possibbli wkoll li l-bini jappoġġja d-dekarbonizzazzjoni ġenerali tal-ekonomija. Pereżempju, il-bini jista' jixpruna l-iżvilupp tal-infrastruttura neċessarja għall-iċċarġjar intelliġenti ta' vetturi elettriċi u anke jipprovdi l-bażi għall-Istati Membri, jekk huma jagħżlu, li jużaw batteriji tal-karozzi bħala sors ta' enerġija. Biex tirrifletti dan il-għan, jenħtieġ li d-definizzjoni tas-sistemi tekniċi użati fil-bini tiġi estiża.

sabiex tissupplimentah billi tiddefinixxi l-indikatur tal-intellġjenza u tippermetti l-implimentazzjoni tiegħu. L-indikatur tal-intelliġenza **jenħtieġ li** jintuża biex ikejjel il-kapaċità tal-bini li juża l-ICT u sistemi elettroniċi biex jottimizza l-operazzjoni, **b'mod partikolari l-provvista u l-użu tal-enerġija (bħall-ilma u l-arja)**, u li jinteraġixxi mal-grilja. L-indikatur tal-intelliġenza għandu jqajjem kuxjenza fost is-sidien tal-bini u l-okkupanti tiegħu dwar il-valur tal-awtomatizzazzjoni tal-bini u l-monitoraġġ elettroniku **ta' sistemi** tekniċi użati fil-bini u għandu jagħti kunfidenza lill-okkupant dwar l-iffrankar effettiv ta' dawn il-funzjonalitajiet imtejba ġodda.

Emenda

(10) L-innovazzjoni u t-teknoloġija l-ġdida jagħmluha possibbli wkoll li l-bini jappoġġja d-dekarbonizzazzjoni ġenerali tal-ekonomija. Pereżempju, il-bini jista' jixpruna l-iżvilupp tal-infrastruttura neċessarja għall-iċċarġjar intelliġenti ta' vetturi elettriċi u anke jipprovdi l-bażi għall-Istati Membri, jekk huma jagħżlu, li jużaw batteriji tal-karozzi bħala sors ta' enerġija. **Bil-ħsieb li tintlaħaq il-mira tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, l-ilma wkoll jista' jkun sors tal-enerġija fil-bini. L-unitajiet ta' rkupru tas-sħana jistgħu, pereżempju, jagħmluha possibbli li s-sħana tiġi prodotta mill-ilma mormi.** Biex tirrifletti dan il-għan **tad-dekarbonizzazzjoni globali**, jenħtieġ li d-definizzjoni tas-sistemi tekniċi użati fil-bini tiġi estiża.

Emenda 16

Proposta għal direttiva Premessa 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) L-ilma huwa element essenzjali ta' ħafna sistemi tekniċi użati fil-binjiet, bħas-sistemi tat-tisħin u tat-tkessiħ, u fl-użi domestiċi. Il-provvista tas-sistemi tal-pompa u l-pressjoni meħtieġa sabiex tittrasporta l-ilma tuża ħafna enerġija. Barra minn hekk, it-telf tal-ilma minħabba tnixxijiet jammonta għal 24 % tal-konsum totali tal-ilma fl-Unjoni, u dan jirriżulta f'telf tal-enerġija u telf tal-ilma. Għaldaqstant, ġestjoni aktar effettiva u tnaqqis fl-użu tal-ilma f'bini ġdid u rinnovat jikkontribwixxu biex jintlaħaq l-oġettiv tal-użu razzjonali tar-riżorsi.

Emenda 17

Proposta għal direttiva Premessa 10b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10b) Il-miżuri sabiex jittejjeb ulterjorment ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija jenħtieġ li jieħdu kont tal-punti ta' riferiment nZEB tal-Unjoni meħtieġa għall-binjiet ġodda sal-2021, u r-rekwiżit ta' stokk tal-bini kompletament nZEB sal-2050, u, f'dan il-kuntest, jenħtieġ li jqisu wkoll il-kundizzjonijiet klimatiċi u lokali kif ukoll l-klima ta' ġewwa; ir-rekwiżiti tas-saħħa u s-sikurezza inklużi s-sikurezza kontra n-nirien, il-kwalità tal-arja ta' ġewwa u ta' barra, u l-kosteffettività, inklużi benefiċċji mhux relatati mal-enerġija.

Ġustifikazzjoni

Il-punt ta' referenza tal-UE għal bini b'użu ta' enerġija qrib iż-zero (nZEB) definit fir-

Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1318 għandu jservi bħala gwida għall-Istati Membri li għadhom lura fir-rigward tat-titjib tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

Emenda 18

Proposta għal direttiva Premessa 10c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10c) Il-promozzjoni ta' modi alternattivi, sikuri u sostenibbli ta' trasport, bħar-roti, tikkontribwixxi wkoll għad-dekarbonizzazzjoni globali tal-ekonomija u jenħtieġ li tkun integrata mill-Istati Membri bħala element tal-istrategġiji fit-tul li għandhom l-għan li jżidu r-rata ta' rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini madwar l-Unjoni.

Emenda 19

Proposta għal direttiva Premessa 10d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10d) L-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu inċentivi għall-użu ta' materjali naturali tal-bini b'kontenut baxx ta' karbonju u l-użu ta' bjut ekoloġiċi meta ssir rinnovazzjoni tal-bini billi dawn jistgħu jintużaw b'mod effettiv għat-titjib tal-kwalità tal-arja, biex jindirizzaw id-deterjorament tal-kundizzjonijiet klimatiċi, partikolarment fiż-żoni urbani, u għat-titjib tar-rendiment kumplessiv tal-bini fl-użu tal-enerġija.

Emenda 20

Proposta għal direttiva Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11) Il-valutazzjoni tal-impatt identifikat

(11) Il-valutazzjoni tal-impatt identifikat

żewġ settijiet eżistenti ta' dispożizzjonijiet, li l-għan tagħhom jista' jintlaħaq b'mod aktar effiċjenti meta mqabbel mas-sitwazzjoni attwali. L-ewwel nett l-obbligu, qabel ma tinbeda kwalunkwe kostruzzjoni, li jitwettaq studju ta' fattibilità dwar sistemi alternattivi ta' effiċjenza jsir piż żejjed. It-tieni nett, instab li d-dispożizzjonijiet relatati ma' spezzjonijiet tas-sistemi ta' tisħin u sistemi ta' arja kkundizzjonata ma jiżgurawx biżżejjed u b'mod effiċjenti, il-prestazzjoni tal-bidu u miżmuma ta' dawn is-sistemi tekniċi. **Anki soluzzjonijiet** tekniċi irħas b'perjodi ta' ħlas qosra ħafna, bħall-ibbilanċjar idrawliku tas-sistema ta' tisħin u **installazzjoni /sostituzzjoni** ta' valvi ta' kontroll termostatiċi, mhumiex meqjusa biżżejjed illum il-ġurnata. Id-dispożizzjonijiet relatati ma' spezzjonijiet huma emendati biex jiżguraw riżultat aħjar mill-ispezzjonijiet.

żewġ settijiet eżistenti ta' dispożizzjonijiet, li l-għan tagħhom jista' jintlaħaq b'mod aktar effiċjenti meta mqabbel mas-sitwazzjoni attwali. L-ewwel nett l-obbligu, qabel ma tinbeda kwalunkwe kostruzzjoni, li jitwettaq studju ta' fattibilità dwar sistemi alternattivi ta' effiċjenza jsir piż żejjed. It-tieni nett, instab li d-dispożizzjonijiet relatati ma' spezzjonijiet tas-sistemi ta' tisħin u sistemi ta' arja kkundizzjonata ma jiżgurawx biżżejjed u b'mod effiċjenti, il-prestazzjoni tal-bidu u miżmuma ta' dawn is-sistemi tekniċi. **Is-soluzzjonijiet** tekniċi irħas b'perjodi ta' ħlas qosra ħafna, bħall-ibbilanċjar idrawliku tas-sistema ta' tisħin u **installazzjoni/sostituzzjoni** ta' valvi ta' kontroll termostatiċi, mhumiex meqjusa biżżejjed illum il-ġurnata **u jenħtieġ li jkunu sfruttati bis-sħiħ, inkluż bħala soluzzjonijiet li jassistu lill-konsumaturi fqar fl-enerġija.** Id-dispożizzjonijiet relatati ma' spezzjonijiet huma emendati biex jiżguraw riżultat aħjar mill-ispezzjonijiet. **Fatturi bħalma huma d-disinn u l-pożizzjoni oriġinali tal-binja jenħtieġ li jitqiesu bil-ħsieb li tinkiseb effiċjenza tal-enerġija inizjali akbar, li, imbagħad, għandha twassal għal iffrankar f'titjib ieħor, bħal fittings, l-istruttura ta' barra u d-dwal. Biex tinkiseb dejta f'ħin reali sabiex is-sistemi jkunu jistgħu jiġu ottimizzati meta jkun meħtieġ, is-sistemi ta' monitoraġġ jeħtieġ li jiġu żviluppati wkoll.**

Emenda 21

Proposta għal direttiva Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) B'mod partikolari għal installazzjonijiet kbar, l-awtomatizzazzjoni tal-bini u l-monitoraġġ elettroniku tas-sistemi tekniċi użati fil-bini wrew li huma sostituzzjoni effettiva għall-ispezzjonijiet.

Emenda

(12) B'mod partikolari għal installazzjonijiet kbar, l-awtomatizzazzjoni tal-bini u l-monitoraġġ elettroniku tas-sistemi tekniċi użati fil-bini wrew li huma sostituzzjoni effettiva għall-ispezzjonijiet **u**

L-installazzjoni ta' tagħmir bħal dan għandha titqies bħala l-iktar alternattiva kosteffettiva għall-ispezzjonijiet f'bini kbir mhux residenzjali u bini b'ħafna familji ta' daqs suffiċjenti li jwassal biex dan it-tagħmir jitħallas f'inqas minn tliet snin. Għaldaqstant, il-possibbiltà attwali li jintgħażlu miżuri alternattivi titħassar. Għal installazzjonijiet ta' skala żgħira, id-dokumentazzjoni dwar ir-rendiment tas-sistema mill-installaturi u r-reġistrazzjoni ta' din l-informazzjoni fil-bażijiet tad-dejta dwar iċ-ċertifikazzjoni tar-rendiment fl-użu tal-enerġija se jappoġġaw il-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti minimi stabbiliti għas-sistemi tekniċi kollha li jintużaw tal-bini u se jsaħħu r-rwol taċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. Barra minn hekk, l-ispezzjonijiet regolari eżistenti tas-sikurezza u x-xogħol ta' manutenzjoni programmat se jibqgħu opportunità biex jingħata parir dirett dwar titjib fl-effiċjenza fl-enerġija.

Emenda 22

Proposta għal direttiva Premessa 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 23

Proposta għal direttiva

l-manutenzjoni. L-installazzjoni ta' tagħmir bħal dan għandha titqies bħala l-iktar alternattiva kosteffettiva għall-ispezzjonijiet f'bini kbir mhux residenzjali u bini b'ħafna familji ta' daqs suffiċjenti li jwassal biex dan it-tagħmir jitħallas f'inqas minn tliet snin. Għaldaqstant, il-possibbiltà attwali li jintgħażlu miżuri alternattivi titħassar. Għal installazzjonijiet ta' skala żgħira, id-dokumentazzjoni dwar ir-rendiment tas-sistema mill-installaturi u r-reġistrazzjoni ta' din l-informazzjoni fil-bażijiet tad-dejta dwar iċ-ċertifikazzjoni tar-rendiment fl-użu tal-enerġija se jappoġġaw il-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti minimi stabbiliti għas-sistemi tekniċi kollha li jintużaw tal-bini u se jsaħħu r-rwol taċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. Barra minn hekk, l-ispezzjonijiet regolari eżistenti tas-sikurezza u x-xogħol ta' manutenzjoni programmat se jibqgħu opportunità biex jingħata parir dirett dwar titjib fl-effiċjenza fl-enerġija.

Emenda

(12a) L-introduzzjoni tas-sistemi tekniċi tal-binjiet jenħtieġ li tikkonċerna t-tagħmir (teknoloġiji ġodda, tagħmir intelliġenti), iżda wkoll is-sistemi li jirregolaw l-operazzjoni u l-interazzjoni tagħhom. Dan għandu x'jaqsam b'mod partikolari mat-trażmissjoni tal-enerġija fil-binjiet u sistemi li jimmaniġġjaw l-ilma u l-arja b'mod effiċjenti.

Premessa 12b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12b) Fil-każ tar-rinnovazzjonijiet kbar fi stadji differenti, is-sistemi tekniċi tal-binjiet u s-sistemi ta' awtomazzjoni u kontroll tal-binjiet jippreżentaw ukoll opportunità biex jitwettaq il-potenzjal ta' ffrankar b'perjodi ta' ħlas lura relattivament qosra, li jippermettu li dak l-iffrankar akbar iġġenerat li jitfaddal fuq perjodi itwal jiġi investit mill-ġdid fl-istadju li jmiss tar-rinnovazzjoni.

Emenda 24

Proposta għal direttiva Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13) Biex jiġi żgurat l-aħjar użu tagħhom fir-rinnovazzjoni tal-bini, il-miżuri finanzjarji relatati mal-effiċjenza fl-enerġija **għandhom ikunu** marbuta mal-profondità tar-rinnovazzjoni, **li għandha tiġi vvalutata** billi jitqabblu ċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija (EPCs) maħruġa qabel u wara r-rinnovazzjoni.

(13) Biex jiġi żgurat l-aħjar użu tagħhom fir-rinnovazzjoni tal-bini, il-miżuri finanzjarji **kemm pubbliċi kif ukoll privati** relatati mal-effiċjenza fl-enerġija **jenħtieġ li jkunu** marbuta mal-profondità tar-rinnovazzjoni **u jenħtieġ li jippromwovu approċċ olistiku għar-rinnovazzjonijiet tal-binjiet sabiex jiġi żgurat li l-partijiet u s-sistemi tekniċi kollha tal-binjiet, inkluża l-manutenzjoni tal-binjiet, iwasslu għal livell għoli ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija u kwalità tal-arja interna mtejba b'impatt pożittiv fuq is-saħħa, il-benessri, il-kumdità u l-produttività. Dawn ir-rinnovazzjonijiet jenħtieġ li jkunu vvalutati** billi jitqabblu ċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija (EPCs) maħruġa qabel u wara r-rinnovazzjoni, **jew b'metodu trasparenti u proporzjonat ieħor.**

Emenda 25

Proposta għal direttiva Premessa 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13a) L-istrateġiji tar-rinnovazzjoni fit-tul bi stadji pproġettati u miżuri ċari jstimulaw l-investimenti fl-effiċjenza fl-enerġija mis-settur privat. L-investimenti fit-tul għandhom jiġu stimulati aktar billi jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament mill-ġdid tal-portafolli li l-assi tagħhom ikollhom karatteristiċi ta' rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika.

Emenda 26

Proposta għal direttiva Premessa 13b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13b) Sabiex jitħeġġew ir-rinnovazzjonijiet, jenħtieġ li l-finanzjament privat fit-tul u l-għodod għat-tnaqqas tar-riskju jiġu promossi permezz tal-implimentazzjoni ta' standards ta' self ipotekarju b'użu effiċjenti tal-enerġija għar-rinnovazzjonijiet tal-bini ċċertifikati effiċjenti fl-enerġija. Piż ta' riskju aktar baxx fir-rekwiżit tal-kapital jenħtieġ li jiġi rikonoxxut għall-istituzzjonijiet finanzjarji li jipprovdu self ipotekarju li jwassal għal użu effiċjenti tal-enerġija. Ir-rekwiżiti jenħtieġ li jirriflettu l-effetti mitiganti ta' riskju potenzjali tal-effiċjenza enerġetika u jiġu vvalutati fid-dawl tal-benefiċċji f'termini tat-tnaqqis tar-riskju, u fejn xieraq, jenħtieġ li tiġi kkunsidrata allokazżjoni ta' kapital aktar baxxa għall-garanziji għal self ipotekarju li jwassal għal użu effiċjenti tal-enerġija.

Emenda 27

Proposta għal direttiva Premessa 13c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13c) F'dan ir-rigward, l-azzjonijiet ta' effiċjenza fuq skala żgħira f'appartamenti individwali jibqgħu importanti. Azzjonijiet bħal dawn sikwit huma utli biex jittaffa l-faqar enerġetiku.

Emenda 28

Proposta għal direttiva Premessa 13d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13d) F'każ li ċertifikat ġdid tar-rendiment fl-użu tal-enerġija juri titjib fl-effiċjenza tal-binja, il-kost tiegħu jista' jiġi inkluż fl-inċentiv ipprovdut minn Stat Membru.

Emenda 29

Proposta għal direttiva Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14) L-aċċess għall-finanzjament huwa aktar faċli meta **linformazzjoni** ta' kwalità tajba **hija aċċessibbli. Il-bini pubbliku b'erja totali utli tal-art ta' aktar minn 250m² għalhekk** jenħtieġ li **jintalab jiżvela l-konsum** reali tal-enerġija **tiegħu.**

(14) L-aċċess għall-finanzjament huwa aktar faċli meta **jkun hemm fis-seħħ qafas ambizzjuż u stabbli fuq perjodu twil u meta tkun disponibbli informazzjoni** ta' kwalità tajba. **Din l-informazzjoni tinkludi wkoll EPCs u informazzjoni minn bażijiet ta' dejta dwar manutenzjoni u spezzjonijiet u rendiment fl-użu tal-enerġija. Il-binjiet pubbliċi, inklużi dawk il-binjiet li huma proprjetà tal-awtoritajiet pubbliċi, u li huma ġestiti u okkupati minnhom, kemm jekk ikunu proprjetà tal-Istat Membru, reġjun jew muniċipalità, jew proprjetà privata iżda użati għall-**

pubbliku, jenħtieġ li jissodisfaw ir-rwol tagħhom u jmexxu bl-eżempju billi jsiru binjiet nZEB skont id-Direttiva 2012/27/UE u jiżvelaw il-konsum reali tal-enerġija tagħhom.

Emenda 30

Proposta għal direttiva Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Is-sistemi attwali u indipendenti tal-kontroll għall-EPCs għandhom jissaħħu sabiex jiżguraw li ċ-ċertifikati jkunu ta' kwalità tajba, li jistgħu jintużaw għall-kontroll tal-konformità u għall-produzzjoni ta' statistika dwar l-istokkijiet tal-bini **reġjonali/nazzjonali**. Dejta ta' kwalità għolja dwar **listokk** tal-bini hija meħtieġa u din tista' tiġi ġġenerata parzjalment minn reġistri u bażijiet tad-dejta li kważi l-Istati Membri kollha attwalment qed jiżviluppaw u jimmaniġġjaw għall-EPCs.

Emenda

(15) Is-sistemi attwali u indipendenti tal-kontroll għall-EPCs għandhom jissaħħu sabiex jiżguraw li ċ-ċertifikati jkunu ta' kwalità tajba, li jistgħu jintużaw għall-kontroll tal-konformità u għall-produzzjoni ta' statistika **armonizzata** dwar l-istokkijiet tal-bini **lokali, reġjonali u nazzjonali**. Dejta ta' kwalità għolja dwar **l-istokk** tal-bini hija meħtieġa u din tista' tiġi ġġenerata parzjalment minn reġistri u bażijiet tad-dejta li kważi l-Istati Membri kollha attwalment qed jiżviluppaw u jimmaniġġjaw għall-EPCs.

Emenda 31

Proposta għal direttiva Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Biex jintlaħqu l-għanijiet **tal-politika dwar l-effiċjenza** fl-enerġija għall-bini, it-trasparenza tal-EPCs **għandha** tittejjeb billi jiġi żgurat li l-parametri neċessarji kollha għall-kalkoli kemm għaċ-ċertifikazzjoni kif ukoll għar-rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, jiġu stabbiliti u applikati b'mod konsistenti. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu miżuri adegwati biex jiżguraw, pereżempju, li r-rendiment ta' sistemi tekniċi użati fil-bini installati, mibdula, jew imtejba jiġi ddokumentat fid-dawl taċ-

Emenda

(16) Biex jintlaħqu l-għanijiet **tal-effiċjenza** fl-enerġija għall-bini **bħala parti mill-mira vinkolanti dwar l-effiċjenza enerġetika ta' mill-inqas 40 % fl-2030**, it-trasparenza tal-EPCs **jenħtieġ li** tittejjeb billi jiġi żgurat li l-parametri neċessarji kollha għall-kalkoli kemm għaċ-ċertifikazzjoni kif ukoll għar-rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, jiġu stabbiliti u applikati b'mod konsistenti. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu miżuri adegwati biex jiżguraw, pereżempju, li r-rendiment ta' sistemi

ċertifikazzjoni tal-bini u l-verifika tal-konformità.

tekniċi użati fil-bini installati, mibdula, jew imtejba jiġi ddokumentat fid-dawl ta' ċertifikazzjoni tal-bini u l-verifika tal-konformità.

Emenda 32

Proposta għal direttiva Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva m'għandhomx iwaqqfu lill-Istati Membri milli jistabbilixxu rekwiżiti iktar ambizzjużi dwar ir-rendiment fl-użu tal-enerġija fil-livell tal-bini u għall-elementi tal-bini, diment li dawn il-miżuri jkunu kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Huwa konsistenti mal-oġġettivi ta' din id-Direttiva u tad-Direttiva 2012/27/KE li dawn ir-rekwiżiti jistgħu, f'ċertu ċirkostanzi, jillimitaw l-installazzjoni jew l-użu ta' prodotti soġġetti għal leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni applikabbli oħra tal-Unjoni, diment li rekwiżiti bħal dawn ma jikkostitwixxux ostaklu mhux ġustifikat għas-suq.

Emenda 33

Proposta għal direttiva Premessa 18a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva m'għandhomx iwaqqfu lill-Istati Membri milli jistabbilixxu rekwiżiti iktar ambizzjużi dwar ir-rendiment fl-użu tal-enerġija ***u l-kwalità tal-arja interna*** fil-livell tal-bini u għall-elementi tal-bini, diment li dawn il-miżuri jkunu kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Huwa konsistenti mal-oġġettivi ta' din id-Direttiva u tad-Direttiva 2012/27/KE li dawn ir-rekwiżiti jistgħu, f'ċertu ċirkostanzi, jillimitaw l-installazzjoni jew l-użu ta' prodotti soġġetti għal leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni applikabbli oħra tal-Unjoni, diment li rekwiżiti bħal dawn ma jikkostitwixxux ostaklu mhux ġustifikat għas-suq.

(18a) L-Istati Membri jenħtieġ li jibbażaw il-kalkolu tagħhom tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ta' element trasparenti jew trasluċidu tal-qoxra tal-bini fuq il-bilanċ enerġetiku tiegħu, jiġifieri li jqisu t-telf ta' enerġija kif ukoll il-gwadanni ta' enerġija mill-irradjanza

solari passiva.

Emenda 34

**Proposta għal direttiva
Premessa 18b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18b) Il-bliet u l-awtoritajiet lokali u reġjonali diġà juru l-eżempju billi jimplimentaw miżuri għall-effiċjenza fl-enerġija, skemi ta' rinnovazzjoni tal-bini u l-iffaċilitar tal-awtoġenerazzjoni. Korpi bħall-Patt tas-Sindki, bliet intelliġenti u komunitajiet jew komunitajiet ibbażati 100 % fuq sorsi tal-enerġija rinnovabbli jikkontribwixxu, permezz tal-azzjonijiet tal-membri tagħhom, għaż-żieda fir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u jippermettu l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki għall-kisba tat-tranżizzjoni tal-enerġija. Il-proġetti fuq livell distrettwali juru l-ħtieġa, b'mod partikulari, li tiġi kkunsidrata l-funzjoni tal-binjiet integrati f'sistema tal-enerġija lokali, pjan ta' mobilità lokali u l-ekosistema tagħhom inġenerali.

Emenda 35

**Proposta għal direttiva
Premessa 18c (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18c) Huwa importanti li jinbnew strateġiji ta' governanza fuq diversi livelli u kollaborazzjoni makroreġjonali konformi mad-diversità klimatika tal-Unjoni u l-isfidi li jġib miegħu t-tibdil fil-klima f'reġjuni differenti.

Emenda 36

Proposta għal direttiva

Premessa 18d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18d) Din id-Direttiva jenħtieġ li tkun strument addizzjonali fil-qafas tal-Unjoni tal-Enerġija u l-governanza l-ġdida tal-enerġija tal-Unjoni biex jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku. Għal dik ir-raġuni, hija tħeġġeġ lill-Unjoni tipproduċi definizzjoni ċara tal-faqar enerġetiku, u jappella sabiex l-istudji eżistenti jiġu kkunsidrati bil-ħsieb li tinstab definizzjoni possibbli mill-aktar fis.

Emenda 37

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1

Direttiva 2010/31/UE

Artikolu 2 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. "sistema teknika użata fil-bini" tfisser tagħmir tekniku li jipprovdi għat-tisħin tal-ispazju, għat-tkessiħ tal-ispazju, għall-ventilazzjoni, għall-ilma sħun domestiku, għad-dawl built-in, għall-awtomatizzazzjoni u l-kontroll tal-bini, għall-ġenerazzjoni tal-elettriku fuq is-sit, għall-infrastruttura fuq is-sit għallelettromobbiltà, jew għal kumbinazzjoni ta' dawn is-sistemi, inkluż dawk li jużaw l-enerġija minn sorsi rinnovabbli, ta' bini jew unità ta' bini;

3. "sistema teknika użata fil-bini" tfisser tagħmir tekniku li jipprovdi għat-tisħin tal-ispazju, għat-tkessiħ tal-ispazju, **għall-kwalità tal-arja interna**, għall-ventilazzjoni, **għas-sistemi tal-ilma**, għall-ilma sħun domestiku, għad-dawl built-in, għall-awtomatizzazzjoni u l-kontroll tal-bini **inkluża l-ġestjoni tal-enerġija**, għall-ġenerazzjoni tal-elettriku fuq is-sit, għall-infrastruttura fuq is-sit għall-elettromobbiltà, jew għal kumbinazzjoni ta' dawn is-sistemi, inkluż dawk li jużaw l-enerġija minn sorsi rinnovabbli, ta' bini jew unità ta' bini;

Emenda 38

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Direttiva 2010/31/UE

Artikolu 2 – punt 3a (ġdid)

(1a) *Fl-Artikolu 2, jiżdied il-punt li ġej:*

"3a. "stokk tal-bini dekarbonizzat" tfisser stokk tal-bini ferm effiċjenti fl-enerġija li ġie rinnovat għal tal-anqas il-livell nZEB u fejn il-ħtiġijiet tal-enerġija li jifdal jiġu ssodisfati minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli;"

Emenda 39

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1b (ġdid)

Direttiva 2010/31/UE

Artikolu 2 – punt 19a (ġdid)

(1b) *Fl-Artikolu 2, jiżdied il-punt li ġej:*

"19a. "punt ta' attivazzjoni" tfisser mument opportun, pereżempju minn perspettiva ta' kosteffiċjenza jew tfixkil, fiċ-ċiklu tal-ħajja ta' binja għat-twettiq ta' rinnovazzjonijiet tal-enerġija;"

Emenda 40

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a

Direttiva 2010/31/UE

Artikolu 2a – paragrafu 1

(a) *l-ewwel paragrafu jikkonsisti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija¹⁶, għajr l-aħħar subparagrafu tiegħu;*

(a) *għandu jiddaħħal il-paragrafu 1 li ġej:*

"1 L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu strateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul għall-mobilizzazzjoni tal-investment fir-rinnovazzjoni tal-istokk nazzjonali ta' binjiet residenzjali u kummerċjali, kemm pubbliċi kif ukoll

privati, bil-għan li jinkoraġġixxu u jiggwidaw it-trasformazzjoni tal-istokk tal-bini fi stokk tal-bini ferm effiċjenti fl-użu tal-enerġija u dekarbonizzat sal-2050. Din l-istrateġija għandha tinkludi:

- (a) ħarsa ġenerali tal-istokk tal-bini nazzjonali bbażata, skont kif xieraq, fuq kampjunar statistiku;*
- (b) l-identifikazzjoni ta' approċċi kosteffikaċi għar-rinnovazzjonijiet rilevanti għat-tip ta' binja u ż-żona klimatika, filwaqt li jitqiesu l-punti ta' attivazzjoni fiċ-ċiklu tal-ħajja ta' binja;*
- (c) politiki u miżuri li jstimulaw rinnovazzjonijiet profondi u kosteffikaċi tal-binjiet, inklużi rinnovazzjonijiet profondi fi stadji;*
- (d) perspettiva li tħares 'il quddiem u li tiggwida d-deċiżjonijiet ta' investment tal-individwi, tal-industrija tal-bini u tal-istituzzjonijiet finanzjarji;*
- (e) stima, ibbażata fuq l-evidenza, tal-iffrankar ta' enerġija u l-benefiċċji usa' mistennija;*
- (f) miżuri komplimentari u/jew alternattivi ta' rinnovazzjoni, bħalma huma l-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, servizzi ta' konsulenza dwar l-enerġija indipendenti u aċċessibbli b'mod faċli, miżuri mmirati biex itejbu l-imġiba tal-konsumaturi jew il-konnessjoni ma' sistema ta' tişhin u tkessiġ distrettwali effiċjenti;*
- (g) politiki u azzjonijiet b'objettivi kwantifikabbli li jkollhom fil-mira tagħhom is-setturi tal-istokk tal-bini nazzjonali bl-aġġar rendiment, l-unitajiet domestiċi suġġetti għall-faqar fl-enerġija u għal dilemmi ta' inċentivi opposti għal rinnovazzjonijiet;"*

Emenda 41

**Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt aa (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"1a. L-Istati Membri għandhom jikklassifikaw l-istokk tal-bini eżistenti tagħhom skont l-età, it-tipoloġija u l-provvista tal-enerġija, sabiex jiżviluppaw l-istadji importanti u l-miżuri vinkolanti għall-ħtiġijiet tar-rinnovazzjoni, b'kont meħud tas-sistema nazzjonali tal-enerġija.

L-Istati Membri għandhom jissorveljaw il-progress tagħhom fl-ilħuq tal-istadji importanti. Ir-riżultati għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku mill-inqas kull tliet snin, fejn aġġornament tal-istrateġija għandu wkoll jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ssir konsultazzjoni pubblika dwar l-istrateġija fit-tul ta' rinnovazzjoni tal-inqas tliet xhur qabel it-tressiq tal-istrateġija lill-Kummissjoni. Ir-riżultat tal-konsultazzjoni pubblika għandu jkun ippubblikat bħala anness flimkien mal-istrateġija."

Emenda 42

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt ab (ġdid)
Direttiva 2010/31/UE
Artikolu 2a – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ab) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"1b. L-istrateġiji tar-rinnovazzjoni fuq terminu twil għandhom ikunu akkumpanjati minn pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali. L-Istati Membri għandhom jadottaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali li jstabbilixxu l-miżuri għall-implimentazzjoni, l-evalwazzjoni u l-

monitoraġġ tal-progress lejn l-ilħuq tal-għanijiet stabbiliti skont l-istrateġiji tar-rinnovazzjoni fuq terminu twil. Il-pubbliku għandu jipparteċipa fit-tħejjija tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2001/42/KE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent."

Ġustifikazzjoni

Il-miżuri sabiex tiġi milħuqa, sorveljata u evalwata l-kisba tal-miri ta' dekarbonizzazzjoni stabbiliti fl-istrateġiji fit-tul għal rinnovazzjoni tal-istokkijiet tal-bini nazzjonali għandhom ikunu speċifikati b'mod ċar fi pjanijiet ta' azzjoni mħejjija fil-livell nazzjonali. Il-parteċipazzjoni pubblika għandha tkun garantita fit-tħejjija u l-adozzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali.

Emenda 43

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt ac (ġdid)

Direttiva 2010/31/UE

Artikolu 2a – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ac) jżied il-paragrafu li ġej:

"1c. L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw kif l-istadji importanti tagħhom jikkontribwixxu biex tintlaħaq il-mira ta' 30 % effiċjenza fl-enerġija tal-Unjoni sal-2030, bi qbil mad-Direttiva 2012/27/UE u l-mira tal-Unjoni tal-Enerġija dwar enerġija rinnovabbli skont id-Direttiva 2009/28/UE u mal-mira tal-Unjoni li l-emissjonijiet tal-gassijiet serra jitnaqqsu b'mill-inqas 80 % sal-2050.

Emenda 44

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b

Direttiva 2010/31/UE

Artikolu 2a – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Fl-istrateġija dwar ir-rinnovazzjoni fit-tul tagħhom imsemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pjan direzzjonali bi stadji importanti u miżuri ċari biex iwettqu l-għan fit-tul tal-2050 li ***jiddekarbonizzaw l-istokk tal-bini nazzjonali tagħhom*** bi stadji importanti speċifiċi għall-2030.

Emenda

Fl-istrateġija dwar ir-rinnovazzjoni fit-tul tagħhom imsemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pjan direzzjonali bi stadji importanti, ***azzjonijiet*** u miżuri ċari biex iwettqu l-għan fit-tul tal-2050 li ***jtejbu sostanzjalment l-effiċjenza enerġetika u li jinkiseb stokk tal-bini ferm effiċjenti fl-enerġija u dekarbonizzat***, bi stadji importanti speċifiċi għall-2030 ***u l-2040***.

Meta jiffissaw dawk l-istadji importanti, l-Istati Membri għandhom jispeċifikaw kif dawn jikkontribwixxu biex tintlaħaq il-mira tal-effiċjenza fl-enerġija tal-Unjoni fl-2030, bi qbil mal-mira tal-Unjoni li tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra bi 80 % sa 95 % sal-2050.

Barra minn hekk, l-istrateġija dwar ir-rinnovazzjoni fit-tul għandha tistabbilixxi miżuri u strumenti finanzjarji speċifiċi sabiex titnaqqas id-domanda tal-enerġija u jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-faqar enerġetiku.

Emenda 45

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b

Direttiva 2010/31/UE

Artikolu 2a – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Barra minn hekk, l-istrateġija dwar ir-rinnovazzjoni fit-tul għandha tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-faqar enerġetiku.

Emenda

Barra minn hekk, l-istrateġija dwar ir-rinnovazzjoni fit-tul għandha tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-faqar enerġetiku ***u tistabbilixxi pjan direzzjonali bi stadji importanti u miżuri ċari għar-rinnovazzjoni tal-istokk tal-akkomodazzjoni soċjali. Sabiex tiġi żgurata u tinżamm klima interna li tkun tajba għas-saħħa, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw u jindirizzaw l-effetti sekondarji għas-saħħa u l-kumdità***

mhux mistennija u mhux mixtieqa tar-rinnovazzjonijiet tal-bini.

Emenda 46

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b

Direttiva 2010/31/UE

Artikolu 2a – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. L-istrateġija fit-tul għandha wkoll tinkoraġġixxi l-introduzzjoni ta' teknoloġiji intelliġenti fis-settur tal-bini u tinkludi inizjattivi li jħarsu lejn il-ħiliet u l-edukazzjoni relatati mal-introduzzjoni ta' teknoloġiji intelliġenti u konnessi fil-binjiet, u politiki u azzjonijiet bil-għan li jħaffu t-tranżizzjoni teknoloġika lejn binjiet intelliġenti u konnessi.

Emenda 47

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b

Direttiva 2010/31/UE

Artikolu 2a – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) għall-aggregazzjoni ta' proġetti biex jagħmluha aktar faċli għall-investituri li jiffinanzjaw ir-rinnovazzjonijiet imsemmija fil-punti (b) u (c) fil-paragrafu 1;

(a) *li jassistu lill-iżviluppaturi ta' proġetti fit-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-proġetti ta' rinnovazzjoni tal-enerġija tagħhom, u mekkaniżmi għall-aggregazzjoni ta' proġetti biex jagħmluha aktar faċli għall-investituri li jiffinanzjaw ir-rinnovazzjonijiet imsemmija fil-punti (b) u (c) fil-paragrafu 1;*

Emenda 48

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b
Direttiva 2010/31/UE
Artikolu 2a – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) għat-tneħħija ta' riskji mill-operazzjonijiet tal-effiċjenza fl-enerġija għall-investituri u għas-settur privat; and

Emenda

(b) għat-tneħħija ta' riskji mill-operazzjonijiet tal-effiċjenza fl-enerġija għall-investituri u għas-settur privat, ***pereżempju, billi jappoġġjaw l-iżvelar ta' dejta dwar ir-rendiment fil-livell tas-self relatat mar-rinnovazzjonijiet tal-enerġija, l-iżvilupp ta' qafas ta' valutazzjoni li jorbot l-effiċjenza tal-enerġija ma' żieda fil-valuri tal-proprjetà, l-inkoraġġiment ta' finanzjament mill-ġdid ta' portafolli ta' assi relatati mar-rinnovazzjonijiet tal-enerġija; and***

Emenda 49

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b
Direttiva 2010/31/UE
Artikolu 2a – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) isiru disponibbli servizzi konsultattivi dwar l-enerġija li jkunu indipendenti u faċilment aċċessibbli, kif ukoll għodod ta' konsulenza aċċessibbli u trasparenti, bħal punti uniċi ta' kuntatt għall-konsumaturi li jipprovdu informazzjoni dwar l-istrutturar u l-għoti ta' finanzi għal rinnovazzjonijiet tal-bini u jagħtu sostenn lill-utenti sabiex jieħdu passi biex itejbu l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fil-binjiet, inklużi rinnovazzjonijiet profondi jew profondi fi stadji, l-għażla tal-materjali u t-teknoloġiji u l-monitoraġġ tar-riżultati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija;

Emenda 50

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b
Direttiva 2010/31/UE
Artikolu 2a – paragrafu 3 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(bb) aggregazzjoni faċilitata tal-SMEs b'mod li jkunu jistgħu joffru soluzzjonijiet f'pakkett lil klijenti potenzjali; u

Emenda 51

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b
Direttiva 2010/31/UE
Artikolu 2a – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) il-ħolqien ta' governanza f'diversi livelli li tinkludi r-reġjuni kollha, u, sa fejn ikun possibbli, il-gvernijiet lokali, flimkien mal-esperjenza dwar l-effiċjenza enerġetika tal-bini żviluppata bħala parti minn proġetti bħal MARIE, SHERPA, ELIH-MED u PROFORBIOMED.

Emenda 52

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt ba (ġdid)
Direttiva 2010/31/UE
Artikolu 2a – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(ba) jiżdied il-paragrafu li ġej:
"3a. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 23 biex tissupplimenta dan l-Artikolu b'aktar kriterji għall-istrateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul."*

Emenda 53

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)

Test fis-seħħ

(a) bini protett uffiċjalment bħala parti minn ambjent deżinjat jew minħabba l-mertu speċjali arkitettoniku jew storiku tiegħu, *safejn* il-konformità ma' ċerti rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ma talterax b'mod inaċċettabli *il-karattru* jew l-apparenza tiegħu;

Emenda

2a. Fl-Artikolu 4(2), il-punt a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) bini protett uffiċjalment bħala parti minn ambjent deżinjat jew minħabba l-mertu speċjali arkitettoniku jew storiku tiegħu, **jew bini residenzjali mhux protett mibni kull sena f'għadd insinifikanti, b'materjali naturali, biex jiġu rrispettati t-tradizzjonijiet, u b'xogħol manwali^{1a}, sa fejn** il-konformità ma' ċerti rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ma talterax b'mod inaċċettabli **l-karattru, l-uniċità** jew l-apparenza tiegħu;

^{1a} *F'għadd li ma jaqbiżx wieħed minn kull elf tal-għadd ta' proġetti ta' kostruzzjoni fis-sena fl-Istat Membru."*

Emenda 54

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a
Direttiva 2010/31/UE
Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

(a) fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu **jitħassar;**

Emenda

(a) fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu **huwa sostitwit b'dan li ġej:**

"F'konformità mar-rekwiżit li jintlaħaq nZEB, l-Istati Membri għandhom jiżguraw - f'konformità mal-Artikolu 15(8) tad-Direttiva... * u l-Artikolu 14 tad-Direttiva ... [id-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija] - li, qabel ma tibda l-kostruzzjoni, il-vijabilità teknika, ambjentali u ekonomika ta' sistemi alternattivi ta' effiċjenza għolja bħal sistemi ta' provvista diċentralizzati tal-enerġija bbażati fuq sorsi rinnovabbli, il-koġenerazzjoni, it-tisħin distrettwali jew

***ibbażati fuq sorsi rinnovabbli kif ukoll
pompi tas-sħana effiċjenti ħafna kif
definiti fl-Anness VII għad-
Direttiva 2009/28/KE, tkun qed tiġi
kkunsidrata.***

**** Id-Direttiva COM(2016) 767 final/2
dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija
minn sorsi rinnovabbli (riformulazzjoni)"***

Ġustifikazzjoni

Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri filwaqt li tiġi permessa l-konformità tagħhom mal-Artikolu 15 § 8 tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (riformulazzjoni) u l-Artikolu 9, paragrafu 3 (c) tad-Direttiva 2010/31/UE, id-dispożizzjonijiet dwar il-valutazzjoni tal-fattibbiltà ta' sistemi alternattivi ta' effiċjenza enerġetika għolja għandhom jiġu simplifikati. Għandu jiġi osservat li dan ir-rekwiżit inaqqas ir-riskju ta' effetti ta' lock-in u assi abbandunati filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li l-apparat installat ikollu t-tendenza li jservi għal iktar minn medja ta' 25 sena.

Emenda 55

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)

Direttiva 2010/31/UE

Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***(3a) Fl-Artikolu 7, il-paragrafu li ġej
għandu jiddaħħal wara l-ewwel
paragrafu:***

***"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-
titjib fir-rendiment fl-użu tal-enerġija
jikkontribwixxu għall-kisba ta' ambjent
intern tajjeb għas-saħħa u komdu."***

Emenda 56

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva 2010/31/UE

Artikolu 7 - paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4) fl-Artikolu 7, il-ħames subparagrafu **jitħassar**;

(4) fl-Artikolu 7, il-ħames subparagrafu **huwa sostitwit b'dan li ġej:**

"F'konformità mar-rekwiżit li jintlaħaq nZEB, l-Istati Membri għandhom jiżguraw - f'konformità mal-Artikolu 15(8) tad-Direttiva...* u l-Artikolu 14 tad-Direttiva ... [id-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija] - li, qabel ma tibda l-kostruzzjoni, il-vijabilità teknika, ambjentali u ekonomika ta' sistemi alternattivi ta' effiċjenza għolja bħal sistemi ta' provvista diċentralizzati tal-enerġija bbażati fuq sorsi rinnovabbli, il-koġenerazzjoni, it-tisħin distrettwali jew ibbażati fuq sorsi rinnovabbli kif ukoll pompi tas-sħana effiċjenti ħafna kif definiti fl-Anness VII għad-Direttiva 2009/28/KE, tkun qed tiġi kkunsidrata.

*** Id-Direttiva COM(2016) 767 final/2 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (riformulazzjoni)"**

Ġustifikazzjoni

Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri filwaqt li tiġi permessa l-konformità tagħhom mal-Artikolu 15 § 8 tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (riformulazzjoni) u l-Artikolu 9, paragrafu 3 (c) tad-Direttiva 2010/31/UE, id-dispożizzjonijiet dwar il-valutazzjoni tal-fattibbiltà ta' sistemi alternattivi ta' effiċjenza enerġetika għolja għandhom jiġu simplifikati. Għandu jiġi osservat li dan ir-rekwiżit inaqqas ir-riskju ta' effetti ta' lock-in u assi abbandunati filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li l-apparat installat ikollu t-tendenza li jservi għal iktar minn medja ta' 25 sena.

Emenda 57

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt a

Direttiva 2010/31/UE

Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

(a) fil-paragrafu 1, it-tielet subparagrafu **jitħassar**;

Emenda

(a) fil-paragrafu 1, it-tielet subparagrafu **huwa sostitwit b'dan li ġej:**

"L-Istati Membri għandhom jeħtieġu

ibbilanċjar idroniku ta' sistemi installati ġodda jew mibdula ta' tisħin u jipprovdu inċentivi għall-ibbilanċjar idroniku ta' sistemi tat-tisħin eżistenti. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu wkoll ibbilanċjar idroniku meta l-ġeneraturi tas-sħana jiġu mibdula f'bini eżistenti, sakemm is-sistema ma tkunx diġà bbilanċjata.

L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-binjiet ġodda jkunu mġhammra bi strumenti awtoregolatorji li jirregolaw il-livelli tat-temperatura ambjentali f'kull kamra partikolari. F'bini eżistenti, l-installazzjoni ta' strumenti awtoregolatorji għar-regolar individwali tat-temperatura tal-kamra għandha tkun meħtieġa meta jiġu sostitwiti ġeneraturi tas-sħana."

Ġustifikazzjoni

L-ibbilanċjar idroniku jipprevjoni li r-radjaturi installati f'post imbiegħed tal-pompa tat-tisħin mhumiex suffiċjentement fornuti b'ilma sħun filwaqt li r-radjaturi ħdejn il-pompa huma fornuti iżżejjed. Hija tipprovdi livelli ta' temperatura kostanti u l-użu ottimali tal-enerġija. Apparati awtoregolatorji li jirregolaw it-temperatura tal-kamra u l-ibbilanċjar idroniku huma miżuri kost-effiċjenti ħafna li jiffrankaw l-enerġija fil-bini. F'xi Stati Membri, il-valvijiet tar-radjaturi termostatiċi ilhom standard mill-1978, mentri f'oħrajn jintużaw ħafna l-valvijiet r-radjaturi sempliċi. Is-sostituzzjoni tal-valvijiet sempliċi li fadal twassal għal kisba tal-miri ta' tnaqqis ta' 4 % tal-konsum tal-enerġija tal-UE sal-2020. Is-sostituzzjoni tal-valvijiet sempliċi tar-radjatur f'binja waħda tiffranka medja ta' 13 % sa 19 % tal-enerġija meħtieġa għat-tisħin tal-binja. Iż-żmien ta' ħlas lura ta' dawn il-miżuri huwa biss ta' ftit xhur.

Emenda 58

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt b – parti introduttorja

Direttiva 2010/31/UE

Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

(b) ***il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

Emenda

(b) ***is-subparagrafi li ġejjin għandhom jiżdedu fl-aħħar tal-paragrafu 2,:***

(L-għan ta' din l-emenda huwa li jikkonserva l-Artikolu 8, punt 2 tad-Direttiva 2010/31/UE)

(Skont id-Direttiva dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku

(riformulazzjoni), u b'mod partikulari l-Artikoli 19-22, 18 u l-Anness III).

Ġustifikazzjoni

Il-miters intelliġenti preċiżi jistgħu jiksbu kemm: li jippermettu l-parteċipazzjoni tal-konsumatur kif ukoll li jikkontribwixxu għal iffrankar tal-enerġija fil-binjiet permezz tas-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi. Id-dispożizzjonijiet dwar il-kejl intelliġenti għalhekk m'għandhomx jitneħħew minn din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom ikomplu jinkoraġġixxu l-introduzzjoni ta' sistemi ta' miters intelliġenti skont id-Direttiva dwar l-Elettriku riveduta, kull meta tinbena binja jew kull meta ssirilha rinovazzjoni maġġuri, minħabba li dan jippermetti użu aktar kosteffiċjenti.

Emenda 59

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt b

Direttiva 2010/31/UE

Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-bini mhux residenzjali ġdid kollu u fil-bini mhux residenzjali eżistenti li qed jiġi rinnovat b'mod estensiv li jkollu aktar minn għaxar spazji ta' parkeġġ, tal-inqas spazju wieħed minn kull **għaxra** jkun mgħammar **b'punt** tal-iċċarġjar fit-tifsira tad-Direttiva 2014/94/UE dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi u jkun kapaċi **jibda u jwaqqaf l-iċċarġjar b'reazzjoni** għas-sinjali tal-prezzijiet. Dan ir-rekwiżit għandu japplika għal kull bini mhux residenzjali, b'aktar minn għaxar spazji ta' parkeġġ, mill-1 ta' Jannar 2025.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-bini mhux residenzjali ġdid kollu **b'aktar minn għaxar spazji għall-parkeġġ** u fil-bini mhux residenzjali eżistenti li qed jiġi rinnovat b'mod estensiv b'aktar minn għaxar spazji għall-parkeġġ **għewwa jew fiżikament imissu mal-bini, fejn dik ir-rinovazzjoni taffettwa l-infrastruttura elettrika tal-bini jew tal-ispazji ta' parkeġġ**, tal-inqas spazju wieħed minn kull **tlieta** jkun mgħammar **bi pre-cabling jew pre-tubing adegwat sabiex ikun jista' jiġi installat punt** tal-iċċarġjar fit-tifsira tad-Direttiva 2014/94/UE dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi, **u tal-anqas jinbena punt wieħed tal-iċċarġjar fit-tifsira tad-Direttiva 2014/94/UE** li jkun kapaċi **jirreaġixxi b'mod dinamiku** għas-sinjali tal-prezzijiet, **b'potenza ta' mill-inqas 7kW għal kull spazju ta' parkeġġ li jkollu punt tal-iċċarġjar**. Dan ir-rekwiżit għandu japplika għal kull bini mhux residenzjali, b'aktar minn għaxar spazji ta' parkeġġ, mill-1 ta' Jannar 2025.

Ġustifikazzjoni

Għal binjiet ġodda mhux residenzjali, l-infrastruttura elettronika meħtieġa tista' tiġi integrata fil-proċess ta' ippjanar mill-bidu nett. Għalhekk huwa għaqli li l-binjiet il-ġodda jkunu validi għall-futur permezz tat-tnejjija ta' wajers jew ducting. Għall-binjiet mhux residenzjali eżistenti, l-obbligu għandu jiġi llaxkat b'tali mod li jkun japplika biss f'każijiet fejn ir-rinnovazzjoni taffettwa l-post tal-parkeġġ jew l-infrastruttura tal-elettriku tal-binja. Punt ta' iċċarġjar simboliku għandu jiġi installat fil-parkeġġi.

Emenda 60

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt b

Direttiva 2010/31/UE

Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li **fil-bini** residenzjali **mibni ġdid** u **fil-bini** li qed **jiġi rinnovat** b'mod estensiv, **li jkollhom** aktar minn għaxar spazji ta' parkeġġ, jingħaddew il-wajers li jippermettu l-installazzjoni tal-punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi għal kull spazju ta' parkeġġ.

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li **fil-binjiet** residenzjali **ġodda** u **dawk** li qed **jiġu rinnovati** b'mod estensiv, **sakemm dik ir-rinnovazzjoni tinkludi l-infrastruttura elettrika jew il-parkeġġ, b'aktar** minn għaxar spazji ta' parkeġġ **fil-binja jew f'dik fiżikament ħdejha**, jingħaddew il-wajers **jew id-ducting xierqa** li jippermettu l-installazzjoni tal-punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi **skont l-aqwa teknoloġi disponibbli** għal kull spazju ta' parkeġġ.

Emenda 61

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt c

Direttiva 2010/31/UE

Artikolu 8 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta tiġi installata, sostitwita jew imtejba sistema teknika użata fil-bini, ir-rendiment globali fl-użu tal-enerġija tas-sistema kompluta mibdula, jiġi vvalutat,

Emenda

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta tiġi installata, sostitwita jew imtejba sistema teknika użata fil-bini, ir-rendiment globali fl-użu tal-enerġija tas-sistema kompluta mibdula **u, fejn rilevanti,**

dokumentat u mgħoddi lil sid il-bini sabiex jibqa' disponibbli għall-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti minimi stabbiliti skont il-paragrafu 1 u l-ħruġ ta' ċertifikati ter-rendiment fl-użu tal-enerġija. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li din l-informazzjoni tiġi inkluża fil-bażi tad-dejta nazzjonali taċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija msemmija fl-Artikolu 18(3).

Emenda 62

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt c

Direttiva 2010/31/UE

Artikolu 8 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-indikatur *intelliġenti* għandu jkopri l-karatteristiċi tal-flessibbiltà, il-funzjonalitajiet u l-kapaċitajiet *imtejba* li jirriżultaw minn *apparat* intelliġenti aktar *interkonness u integrat li jiġi integrat* fis-sistemi tekniċi konvenzjonali użati fil-bini. Dawn il-karatteristiċi għandhom isaħħu l-kapaċità *talokkupanti* u tal-bini nnifsu li jirreaġixxu għar-rekwiżiti tal-kumdità jew operazzjonali, jieħdu sehem fir-rispons għad-domanda, u jikkontribwixxu għall-operazzjoni ottima, bla xkiel u sikura tas-sistemi tal-enerġija varji u l-infrastrutturi distrettwali li magħhom huwa marbut il-bini.

Emenda 63

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt a

Direttiva 2010/31/UE

Artikolu 10 – paragrafu 6

il-kwalità tal-arja ta' ġewwa, jiġu vvalutati, dokumentati u mgħoddija lil sid il-bini sabiex jibqa' disponibbli għall-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti minimi stabbiliti skont il-paragrafu 1 u l-ħruġ ta' ċertifikati ter-rendiment fl-użu tal-enerġija. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li din l-informazzjoni tiġi inkluża fil-bażi tad-dejta nazzjonali taċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija msemmija fl-Artikolu 18(3).

Emenda

L-indikatur *intelliġenti* għandu jkopri l-karatteristiċi tal-flessibbiltà, il-funzjonalitajiet *imtejba* u l-kapaċitajiet li jirriżultaw minn *apparati* intelliġenti aktar *interkonnessi u inkorporati li jiġu integrati* fis-sistemi tekniċi konvenzjonali użati fil-bini. Dawn il-karatteristiċi għandhom isaħħu l-kapaċità *tal-okkupanti* u tal-bini nnifsu li jirreaġixxu *għall-kwalità tal-arja ta' ġewwa u* għar-rekwiżiti tal-kumdità *termali* jew operazzjonali, jieħdu sehem fir-rispons għad-domanda, u jikkontribwixxu għall-operazzjoni ottima, bla xkiel, *tajba għas-saħħa* u sikura tas-sistemi tal-enerġija varji u l-infrastrutturi distrettwali li magħhom huwa marbut il-bini.

6. L-Istati Membri għandhom jorbtu l-miżuri finanzjarji għat-titjib fl-effiċjenza fl-enerġija fir-rinnovazzjoni tal-bini mal-iffrankar tal-enerġija **miksub** bis-saħħa ta' din ir-rinnovazzjoni. Dan l-iffrankar għandu jiġi ddeterminat bit-tqabbil taċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija maħruġa qabel jew wara r-rinnovazzjoni.

6. L-Istati Membri għandhom jorbtu l-miżuri finanzjarji għat-titjib fl-effiċjenza fl-enerġija fir-rinnovazzjoni tal-bini mal-iffrankar tal-enerġija **u l-benefiċċji mhux marbuta mal-enerġija, bħat-titjib fil-kwalità tal-arja ta' ġewwa miksuba** bis-saħħa ta' din ir-rinnovazzjoni. Dan l-iffrankar **u t-titjib** għandu jiġi ddeterminat bit-tqabbil taċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija maħruġa qabel u wara r-rinnovazzjoni, **jew ir-riżultati ta' metodu ieħor rilevanti, trasparenti u proporzjonat li juri t-titjib fir-rendiment fl-użu tal-enerġija u l-benefiċċji mhux marbuta mal-enerġija, bħat-titjib fil-kwalità tal-arja ta' ġewwa, u li jagħti informazzjoni utli biex jappoġġja l-mobilizzazzjoni ta' finanzjament privat u pubbliku għal investimenti fil-binjiet sabiex tittiejeb l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-kwalità tal-arja ta' ġewwa. Dawn iċ-ċertifikati għandhom jiġu pprovduti wkoll f'verzjoni diġitali bil-possibbiltà li jinkludu l-informazzjoni rilevanti sabiex ikun mudellat u pproġettat l-impatt tat-titjib fil-binjiet. Meta ċertifikat tar-rendiment tal-enerġija għdid juri titjib fl-effiċjenza fl-enerġija tal-bini, il-kostijiet tiegħu jistgħu ikunu inklużi fl-inċentiv provdut mill-Istat Membru.**

Emenda 64

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt b

Direttiva 2010/31/UE

Artikolu 10 – paragrafu 6a

6a. Meta l-Istati Membri jistabbilixxu bażi tad-dejta għar-reġistrazzjoni tal-EPCs din għandha tippermetti t-traċċar tal-konsum reali tal-enerġija tal-bini kopert, irrispettivament mid-daqs u mill-kategorija

6a. Meta l-Istati Membri jistabbilixxu bażi tad-dejta għar-reġistrazzjoni tal-EPCs din għandha tippermetti t-traċċar tal-konsum reali tal-enerġija tal-bini kopert, irrispettivament mid-daqs u mill-kategorija

tagħhom. Il-bażi tad-dejta għandu jkollha dejta dwar il-konsum reali tal-enerġija ta' bini viżitat b'mod frekwenti mill-pubbliku b'superfiċje utli ta' aktar minn 250 m² li għandha tiġi aġġornata b'mod regolari.

tagħhom. Il-bażi tad-dejta għandu jkollha dejta dwar il-konsum reali tal-enerġija tal-bini **pubbliku b'art utlizabbli ta' aktar minn 250 m² u bini** viżitat b'mod frekwenti mill-pubbliku b'superfiċje utli ta' aktar minn 250 m² li għandha tiġi aġġornata b'mod regolari.

Emenda 65

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)

Direttiva 2010/31/UE

Artikolu 11 – paragrafu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) fl-Artikolu 11 jiżdied il-paragrafu li ġej:

"9a. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-ħtieġa ta' armonizzazzjoni ulterjuri taċ-ċertifikati tar-rendiment tal-enerġija skont l-Artikolu 11, u tikkunsidra l-fattibilità li tintroduċi sistemi ta' kampjunar nazzjonali biex tissorveljahom.

Emenda 66

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt a

Direttiva 2010/31/UE

Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jistipulaw il-miżuri neċessarji biex tkun stabbilita spezzjoni regolari tal-partijiet aċċessibbli **tas-sistemi li jintużaw għat-tisħin tal-bini, bħall-ġeneratur tas-sħana, is-sistema ta' kontroll u l-pompi għaċ-ċirkolazzjoni** għal bini mhux residenzjali b'użu totali ta' enerġija primarja ta' aktar minn **250MWh** u għal bini residenzjali **b'sistemi tekniċi ċentralizzati użati fil-bini** ta' output nominali effettiv kumulattiv ta' aktar minn 100 kW. Dik l-ispezzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jistipulaw il-miżuri neċessarji biex tkun stabbilita spezzjoni regolari tal-partijiet aċċessibbli **tal-ġeneratur tas-sħana**, għal bini mhux residenzjali b'użu totali ta' enerġija primarja ta' aktar minn **250 MWh** u għal bini residenzjali **b'ġeneratur tas-sħana** ta' output nominali effettiv kumulattiv ta' aktar minn 100 kW. Dik l-ispezzjoni għandha tinkludi valutazzjoni tal-effiċjenza **tal-ġeneratur tas-sħana** u tad-daqs **tal-ġeneratur tas-sħana mqabbla**

għandha tinkludi valutazzjoni tal-effiċjenza ***tal-bojler*** u tad-daqs ***tal-bojler imqabbla*** mar-rekwiżiti tat-tisħin tal-bini. Mhux meħtieġ li terġa' ssir il-valutazzjoni tad-daqs ***tal-bojler*** sakemm ma tkun saret ebda bidla għal din is-sistema ta' tisħin jew fir-rigward tar-rekwiżiti ta' tisħin tal-bini ***sadanittant***;

mar-rekwiżiti tat-tisħin tal-bini, ***tal-effikaċja tat-temperatura tal-kamra kkontrollata individwalment u tal-bilanċ idroniku tas-sistema tat-tisħin***. Mhux meħtieġ li terġa' ssir il-valutazzjoni tad-daqs ***tal-ġeneratur tas-sħana u tal-bilanċ idroniku*** sakemm ***sadanittant*** ma tkun saret ebda bidla għal din is-sistema ta' tisħin jew fir-rigward tar-rekwiżiti ta' tisħin tal-bini;

Emenda 67

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b

Direttiva 2010/31/KE

Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) b'mod kontinwu jimmonitorjaw, janalizzaw u jaġġustaw l-użu tal-enerġija;

Emenda

(a) b'mod kontinwu jimmonitorjaw, janalizzaw u jaġġustaw l-użu tal-enerġija ***kif ukoll il-ventilazzjoni u/jew elementi oħra marbuta mal-kwalità tal-arja ta' ġewwa***;

Emenda 68

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b

Direttiva 2010/31/UE

Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) b'funzjonalitajiet effettivi ta' kontroll biex jiżguraw il-ġenerazzjoni, id-distribuzzjoni, u l-użu ottimi tal-enerġija.;

Emenda

(b) b'funzjonalitajiet effettivi ta' kontroll biex jiżguraw il-ġenerazzjoni, id-distribuzzjoni, ***il-ħażna*** u l-użu ottimi tal-enerġija, ***inkluża t-temperatura tal-kamra individwali u l-funzjonalitajiet tal-ibbilanċjar idrawliku dinamiku***.

Emenda 69

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. *Minkejja l-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri sabiex jiżguraw li l-utenti jingħataw pariri adegwati rigward il-bdil ta' ġeneraturi tas-sħana, modifiki oħra fis-sistema tat-tisħin u dwar soluzzjonijiet alternattivi għall-valutazzjoni tal-effiċjenza u d-daqs xieraq tal-ġeneratur tas-sħana. L-impatt ġenerali ta' dan l-approċċ għandu jkun ekwivalenti għall-impatt li jirriżulta mill-miżuri meħudin skont il-paragrafu 1.;*

Ġustifikazzjoni

Xi Stati Membri diġà għandhom miżuri ekwivalenti għal spezzjonijiet bħal sistemi ta' pariri eżistenti li wrew li huma ta' suċċess biex tiżdied l-effiċjenza fl-enerġija tas-sistemi tat-tisħin. Din il-flessibbiltà u miżura alternattiva għandha tibqa' f'idejn l-Istati Membri.

Emenda 70

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b

Direttiva 2010/31/UE

Artikolu 14 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3b. *Is-sistemi tekniċi tal-bini espliċitament koperti minn ftehim kuntrattwali fuq livell maqbul ta' titjib ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija jew kriterju ta' rendiment tal-enerġija, bħall-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija kif definint fl-Artikolu 2(27) tad-Direttiva 2012/27/UE għandhom ikunu eżentati mill-paragrafu 1.*

Ġustifikazzjoni

Ir-rwol tal-kuntratti tar-rendiment tal-enerġija fiż-żieda fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tal-bini jrid jiżdied, minħabba li daww il-kuntratti joffru approċċ olistiku għar-rinnovazzjonijiet, inkluż finanzjament, implimentazzjoni tal-ħidma ta' kostruzzjoni u l-ġestjoni tal-enerġija. Meta jsir kuntratt dwar ir-rendiment tal-enerġija, is-sid tal-bini jidhrol għal kuntratt mal-

kumpanija tal-effiċjenza fl-enerġija dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-effiċjenza fl-enerġija. L-ispezzjonijiet u l-kontrolli huma parti mill-kuntratt.

Emenda 71

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt a

Direttiva 2010/31/UE

Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-miżuri **xierqa** neċessarji biex **tkun stabbilita** spezzjoni regolari tal-partijiet aċċessibbli tas-sistemi tal-arja kkundizzjonata għal bini mhux residenzjali b'użu totali ta' enerġija primarja ta' aktar minn **250MWh** u għal bini residenzjali b'sistemi tekniċi ċentralizzati użati fil-bini ta' output nominali effettiv kumulattiv ta' aktar minn 100 kW. L-ispezzjoni għandha tinkludi valutazzjoni tal-effiċjenza tal-arja kkundizzjonata u tad-daqs imqabbla mar-rekwiżiti għat-tkessiġ tal-bini. Mhux meħtieġ li terġa' ssir il-valutazzjoni tad-daqs sakemm ma tkun saret ebda bidla għal din is-sistema ta' arja kkundizzjonata jew fir-rigward tar-rekwiżiti ta' tkessiġ tal-bini **sadanittant**.

Emenda 72

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt b

Direttiva 2010/31/UE

Artikolu 15 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) b'mod kontinwu jimmonitorjaw, janalizzaw u jaġġustaw l-użu tal-enerġija;

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-miżuri neċessarji biex **jistabbilixxu** spezzjoni regolari **u biex tkun sorveljata l-ħtieġa għal manutenzjoni** tal-partijiet aċċessibbli tas-sistemi tal-arja kkundizzjonata għal bini mhux residenzjali b'użu totali ta' enerġija primarja ta' aktar minn **250 MWh** u għal bini residenzjali b'sistemi tekniċi ċentralizzati użati fil-bini ta' output nominali effettiv kumulattiv ta' aktar minn 100 kW. L-ispezzjoni għandha tinkludi valutazzjoni tal-effiċjenza tal-arja kkundizzjonata u tad-daqs, imqabbla mar-rekwiżiti għat-tkessiġ tal-bini. Mhux meħtieġ li terġa' ssir il-valutazzjoni tad-daqs sakemm **sadanittant** ma tkun saret ebda bidla għal din is-sistema ta' arja kkundizzjonata jew fir-rigward tar-rekwiżiti ta' tkessiġ tal-bini.

Emenda

(a) b'mod kontinwu jimmonitorjaw, janalizzaw u jaġġustaw l-użu tal-enerġija **kif ukoll il-ventilazzjoni u/jew elementi oħra marbuta mal-kwalità tal-arja ta' ġewwa;**

Emenda 73

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt b

Direttiva 2010/31/UE

Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) b'funzjonalitajiet effettivi ta' kontroll biex jiżguraw il-ġenerazzjoni, id-distribuzzjoni, u l-użu ottimi tal-enerġija.;

Emenda

(b) b'funzjonalitajiet effettivi ta' kontroll biex jiżguraw il-ġenerazzjoni, id-distribuzzjoni, ***il-ħażna*** u l-użu ottimi tal-enerġija.;

Emenda 74

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt b

Direttiva 2010/31/UE

Artikolu 15 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Minkejja l-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri biex jiżguraw l-ġoti ta' pariri lill-utenti dwar is-sostituzzjoni ta' sistemi tal-arja kkundizzjonata, modifiki oħra għas-sistema tal-arja kkundizzjonata u soluzzjonijiet alternattivi biex jiġu vvalutati l-effiċjenza u d-daqs adegwat tas-sistema tal-arja kundizzjonata. L-impatt ġenerali ta' dak l-approċċ huwa ekwivalenti għal dak li jirriżulta mill-paragrafu 1.

Ġustifikazzjoni

Xi Stati Membri għandu jkollhom il-flessibbiltà li jagħżlu miżuri ekwivalenti għal spezzjonijiet bħal sistemi ta' pariri stabbiliti. Din il-flessibbiltà u miżura alternattiva għandha tibqa' f'idejn l-Istati Membri.

Emenda 75

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3b. *Is-sistemi tekniċi tal-bini espliċitament koperti minn ftehim kuntrattwali fuq livell maqbul ta' titjib ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija jew kriterju ta' rendiment tal-enerġija, bħall-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija kif definint fl-Artikolu 2(27) tad-Direttiva 2012/27/UE għandhom ikunu eżentati mill-paragrafu 1.*

Ġustifikazzjoni

Ir-rwol tal-kuntratti tar-rendiment tal-enerġija fiż-żieda fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tal-bini jrid jiżdied, minħabba li daww il-kuntratti joffru approċċ olistiku għar-rinnovazzjonijiet, inkluż finanzjament, implimentazzjoni tal-ħidma ta' kostruzzjoni u l-ġestjoni tal-enerġija. Meta jsir kuntratt dwar ir-rendiment tal-enerġija, is-sid tal-bini jidħol għal kuntratt mal-kumpanija tal-effiċjenza fl-enerġija dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-effiċjenza fl-enerġija. L-ispezzjonijiet u l-kontrolli huma parti mill-kuntratt.

Emenda 76

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Direttiva 2010/31/UE
Artikolu 19

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9) *fl-Artikolu 19, "2017" tiġi sostitwita b'"2028";*

(9). *L-Artikolu 19 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"Artikolu 19

Rieżami

Il-Kummissjoni, assistita mill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 26, għandha tevalwa din id-Direttiva sal-1 ta' Jannar 2024, fid-dawl tal-esperjenza miksuba u l-progress magħmul matul l-applikazzjoni tagħha, u, jekk ikun hemm il-bżonn, tressaq proposti leġiżlattivi.

Hija għandha tippubblika, sal-aħħar tal-2020, valutazzjoni tal-impatt dwar l-espansjoni possibbli tal-kamp ta'

applikazzjoni tad-Direttiva, fid-dawl tar-reviżjoni possibbli tagħha fl-2024, bil-ħsieb li tiġi prevista l-inklużjoni tal-enerġija inkorporata bħala rekwiżit għall-kostruzzjoni tal-bini u tal-komponenti tiegħu."

Emenda 77

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11

Direttiva 2010/31/UE

Artikolu 23 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 5, 8 u 22 **għandhom jiġu kkonferiti** lill-Kummissjoni għal perjodu *indeterminat* ta' *żmien* minn [*date of the entry into force...*].

Emenda

2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikoli 5, 8 u 22 **għandha tiġi kkonferita** lill-Kummissjoni għal perijodu ta' **5 snin** minn **XXX** [*id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva*]. **Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin.**

Emenda 78

Proposta għal direttiva

Anness I – paragrafu 1 – punt 1 – punt a

Direttiva 2010/31/UE

Anness I – punt 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija għandu jirrifletti l-użu tipiku tal-enerġija tiegħu għat-tisħin, għat-tkessiħ, għall-ilma sħun domestiku, għall-ventilazzjoni u għad-dawl.

Emenda

Ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija **għandu jiġi determinat fuq il-bażi tal-użu stmat jew attwali tal-enerġija għat-tisħin, it-tkessiħ, l-ilma domestiku sħun, il-ventilazzjoni u d-dawl** u għandu jirrifletti l-użu tipiku tal-enerġija tiegħu għat-tisħin, għat-tkessiħ, għall-ilma sħun domestiku, għall-ventilazzjoni u għad-dawl.

Ġustifikazzjoni

Der Text aus dem aktuellen Anhang I der Richtlinie 2010/31/EU wurde wieder eingeführt.

Um die Gesamtenergieeffizienz eines Gebäudes zu bestimmen, ist es nicht ausreichend einzig den Primärenergiebedarf zu evaluieren. Zuerst sollte die Energiemenge berechnet werden, die gebraucht wird, um den typischen Energieverbrauch eines Gebäudes zu decken. Dieser Endenergieverbrauch und der Primärenergiebedarf eines Gebäudes sollten zur Bewertung der Gesamtenergieeffizienz verwendet werden. Die Primärenergie beschreibt vielmehr die Qualität der verwendeten Energie als die Menge der Energie, die zur Deckung des Energiebedarfs eines Gebäudes nötig ist.

Emenda 79

Proposta għal direttiva

Anness I – paragrafu 1 – punt 1 – punt a

Direttiva 2010/31/UE

Anness I – punt 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom **jiddeskrivu l-metodoloġija** tal-kalkolu nazzjonali tagħhom skont il-qafas tal-anness nazzjonali tal-istandards Ewropej relatati żviluppat skont il-Mandat M/480 mogħti mill-Kummissjoni Ewropea lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN);

Emenda

Fi żmien sentejn wara l-approvazzjoni b'votazzjoni formali fis-CEN, l-Istati Membri għandhom **jimplimentaw u japplikaw l-istandards EPB fil-metodoloġija** tal-kalkolu nazzjonali tagħhom skont il-qafas tal-anness nazzjonali tal-istandards Ewropej relatati żviluppat skont il-Mandat M/480 mogħti mill-Kummissjoni Ewropea lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN).

Ġustifikazzjoni

Approċċ tal-UE biex jiġi jitħaffu l-innovazzjoni u l-iffrankar tal-enerġija madwar l-Ewropa huwa indispensabbli sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq intern. L-istandards tal-EPB, li ġew approvati dan l-aħħar mill-Korpi Nazzjonali tal-Istandards, jagħmluha possibbli li jiġi kkalkulat ir-rendiment tal-enerġija tal-bini fl-UE kollha billi jintużaw l-istess metodoloġiji. Dawn il-metodoloġiji jiddependu fuq l-aktar dejta riċenti, li jgħinu l-introduzzjoni fis-suq tal-aktar teknoloġiji effiċjenti għat-tiżnin. Perjodu ta' tranżizzjoni ta' sentejn se jippermetti lil dawk li jippjanaw u lill-periti biex jittestjaw dawn l-istandards tal-EPB u jirrisolvu xi inkonsistenzi li jkun fadal.

Emenda 80

Proposta għal direttiva

Anness I – paragrafu 1 – punt 1 – punt b

Direttiva 2010/31/UE

Anness I – punt 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-ħtiġijiet tal-enerġija għat-tisħin tal-post, għat-tkessiħ tal-post, għall-ilma sħun domestiku u għal ventilazzjoni adegwata għandhom jiġu kkalkulati sabiex ikunu *żgurati* livelli *minimi tas-saħħa u tal-kumdità* definiti mill-Istati Membri.

Il-ħtiġijiet tal-enerġija għat-tisħin tal-post, għat-tkessiħ tal-post, għall-ilma sħun domestiku u għal ventilazzjoni adegwata, *espressi bħala enerġija mwassla u enerġija primarja*, għandhom jiġu kkalkulati sabiex ikunu *massimizzati r-rekwiżiti għas-saħħa, għall-kwalità tal-arja ta' ġewwa u għall-kumdità* definiti mill-Istati Membri. *Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex jiġi evitat li t-temperatura fuq kwalunkwe wiċċ fuq ġewwa tal-bini tinżel taħt it-temperatura tal-punt tan-nida u biex ikun evitat tisħin żejjed.*

Ġustifikazzjoni

It-tisħin żejjed huwa problema ugwalment importanti li taffettwa s-saħħa u l-kumdità tal-utenti tal-bini, kif ukoll ir-rendiment tal-enerġija tal-bini.

Emenda 81

Proposta għal direttiva

Anness I – paragrafu 1 – punt 1 – punt b (ġdid)

Direttiva 2010/31/UE

Anness I – punt 2 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kalkolu tal-metodoloġiji u l-fatturi tal-enerġija primarja għal trasportaturi ta' sorsi differenti ta' enerġija rinnovabbli fuq il-post u teknoloġiji ta' konverżjoni jirriflettu kif xieraq il-karatteristiċi speċifiċi ta' trasportatur tal-enerġija globali tas-sistema tal-enerġija, b'mod partikolari l-potenzjal ta' użu alternattiv ta' trasportatur tal-enerġija, li huwa kkonvertit u kkonsumat fuq is-sit u l-potenzjal ta' esportazzjoni għal użu barra mis-sit ta' enerġija ġġenerata fuq il-post.

Ġustifikazzjoni

Forom differenti ta' SER fuq il-post għandhom karatteristiċi differenti, jiġifieri jkollhom użi alternattivi, jinteraġixxu b'mod differenti mas-sistema kumplessiva tal-enerġija eċċ. Għalhekk il-fatturi tal-enerġija primarja (PEF) bl-iskop li jiddeterminaw ir-rekwiżiti tar-rendiment fl-

użu tal-enerġija għandhom ikunu ddifferenzjati skont żewġ gruppi ewlenin: 1) Teknoloġiji ta' konverżjoni, li jużaw riżorsa tal-enerġija rinnovabbli ġġenerata fuq il-post u li ma tistax tiġi esportata (sħana ambjentali) jew it-teknoloġiji ta' konverżjoni li jużaw sors ta' enerġija rinnovabbli ġġenerata fuq il-post u li tista' tiġi esportata (turbini micro-wind); 2) teknoloġiji ta' konverżjoni li jużaw riżorsa tal-enerġija rinnovabbli li mhijiex iġġenerata fuq il-post (pelits tal-bojlers tal-pelits).

Emenda 82

Proposta għal direttiva

Anness I – paragrafu 1 – punt 1 – punt ca (ġdid)

Direttiva 2010/31/UE

Anness I – punt 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca). jżdid il-punt li ġej:

"5a. Meta jiġi kkalkolat ir-rendiment fl-użu tal-enerġija ta' element tal-bini trasparenti jew trasluċenti tal-istruttura esterna tal-bini, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-bilanċ enerġetiku tiegħu, jiġifieri jqisu t-telf ta' enerġija kif ukoll il-gwadann ta' enerġija minħabba irradjanza solari passiva, flimkien mal-aspetti rilevanti kollha mill-punti 3, 4 u 5."

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri sa issa ma ġewx orjentati lejn il-kalkolu tar-rendiment enerġetiku tal-elementi tal-bini li jiffurmaw parti mill-istruttura esterna tal-bini. Metodi komuni ta' kalkolu jistgħu jtejbju l-kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija
Referenzi	COM(2016)0765 – C8-0499/2016 – 2016/0381(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 12.12.2016
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 12.12.2016
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Anneli Jäätteenmäki 20.2.2017
Eżami fil-kumitat	29.5.2017
Data tal-adozzjoni	7.9.2017
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 53 –: 0 0: 6
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marco Affronte, Catherine Bearder, Ivo Belet, Biljana Borzan, Lynn Boylan, Paul Brannen, Soledad Cabezón Ruiz, Nessa Childers, Birgit Collin-Langen, Mireille D’Ornano, Miriam Dalli, Seb Dance, Stefan Eck, José Inácio Faria, Karl-Heinz Florenz, Arne Gericke, Julie Girling, Sylvie Goddyn, Jytte Guteland, Anneli Jäätteenmäki, Jean-François Jalkh, Benedek Jávor, Karin Kadenbach, Urszula Krupa, Peter Liese, Norbert Lins, Valentinas Mazuronis, Susanne Melior, Massimo Paolucci, Gilles Pargneaux, Piernicola Pedicini, Bolesław G. Piecha, Pavel Poc, Frédérique Ries, Annie Schreijer-Pierik, Davor Škrlec, Renate Sommer, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Ivica Tolić, Nils Torvalds, Adina-Ioana Vălean, Jadwiga Wiśniewska, Damiano Zoffoli
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Nicola Caputo, Jørn Dohrmann, Elena Gentile, Jan Huitema, Merja Kyllönen, Stefano Maullu, Mairead McGuinness, Keith Taylor, Carlos Zorrinho
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Bendt Bendtsen, Norbert Erdős, Jill Evans, György Hölvényi, Barbara Lochbihler, Olle Ludvigsson, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

53	+
ALDE	Catherine Bearder, Anneli Jäätteenmäki, Valentinas Mazuronis, Frédérique Ries, Nils Torvalds
ECR	Jørn Dohrmann, Arne Gericke, Julie Girling, Urszula Krupa, Bolesław G. Piecha, Jadwiga Wiśniewska

EFDD	Piernicola Pedicini
ENF	Mireille D'Ornano, Sylvie Goddyn, Jean-François Jalkh
GUE/NGL	Lynn Boylan, Stefan Eck, Merja Kyllönen
PPE	Ivo Belet, Bendt Bendtsen, Birgit Collin-Langen, Norbert Erdős, José Inácio Faria, Karl-Heinz Florenz, György Hölvényi, Peter Liese, Norbert Lins, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Stefano Maullu, Mairead McGuinness, Annie Schreijer-Pierik, Renate Sommer, Ivica Tolić, Adina-Ioana Vălean
S&D	Biljana Borzan, Paul Brannen, Soledad Cabezón Ruiz, Nicola Caputo, Nessa Childers, Miriam Dalli, Seb Dance, Elena Gentile, Jytte Guteland, Karin Kadenbach, Olle Ludvigsson, Susanne Melior, Massimo Paolucci, Gilles Pargneaux, Pavel Poc, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Damiano Zoffoli, Carlos Zorrinho
VERTS/ALE	Benedek Jávor

0	-

6	0
ALDE	Jan Huitema
VERTS/ALE	Marco Affronte, Jill Evans, Barbara Lochbihler, Davor Škrlec, Keith Taylor